# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum it-30 ta' Settembru 2021**

Appell numru 51 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Francesca GALEA**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-1 ta' Frar 2018 fil-konfront ta' Francesca GALEA detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 303285M li ġiet mixlija:

   Talli f'dawn il-Gżejjer fil-31 ta' Mejju 2012 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda :

   i. Mingħajr awtorizzazzjoni użajt computer jew xi tagħmir ieħor biex tidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew użat, ikkopjat, jew immodifikat kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dak u dan bi preġudizzju tal-prinċipal tiegħek DF Marine Consultancy Services Limited (C39801) u/jew DF Advocates;
   ii. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, mingħajr

awtorizzazzjoni, għamilt output ta' data, software jew dokumentazzjoni t'appoġġ mill-computer li kienu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn ittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun u dan bi preġudizzju tal-prinċipal tiegħek DF Marine Consultancy Services Limited (C 39801 u/jew DF Advocates;

iii. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiskru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, mingħajr awtorizzazzjoni, ikkopjat data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medium ta' ħżin li ma jkunx dak li soltu jinżamm fih jew għal imkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn soltu jinżamm, u dan bi preġudizzju tal-prinċipal tiegħek DF Marine Consultancy Services Limited (C 39801 u/jew DF Advocates;

iv. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, mingħajr awtorizzazzjoni, ħadet pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew għamlet użu minnhom u dan bi preġudizzju tal-prinċipal tiegħek DF Marine Consultancy Services Limited (C 39801 u/jew DF Advocates);

v. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiskru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda approprijat ruħha billi dawret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd lura tal-ħaġa jew li jsir minnha użu speċifikat, u ċjoe ħadet u żammet għandha dokumenti riżervati u kunfidenzjali tas-soċjeta DF Marine Consultancy Services Limited (C 39801 u/jew DF Advocates, liema dokumenti riżervati u kunfidenzjali ġew fdati jew ikkunsinnati lilha minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħha;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputata ħatja tal-akkużi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatha għal multa ta' ħamest elef euro (€5,000), flimkien mal-ispejjeż peritali fl-ammont ta' tliet elef, mitejn u għoxrin euro sebgħa u tmenin

ċenteżmi (€3,220.87). Il-Qorti fissret fi kliem ċar il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi minn din is-sentenza Francesca GALEA interponiet appell li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-esponenti minn kull ħtija u piena. Dan wara li saħqet (in suċċint) is-segwenti : -

    i. Il-Qorti tal-Maġistrati għamlet analiżi inkompleta u skorretta tal-ipotezi tal-liġi li waslet biex l-appellanta tinstab ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha. Ir-reati miġjuba fl-ewwel erba' imputazzjonijiet jikkostitwixxu erba' reati separati u distinti – bil-punt komuni bejniethom ikun l-istess element kostitutiv ċjoe li l-actus reus ikun sar mingħajr awtorizzazzjoni. Għalkemm kollha jikkostitwixxu forom differenti ta' computer misuse, u kollha jġorru l-istess piena, huma essenzjalment erba' reati distinti u mhux reat wieħed kif donnu kkonkludiet il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Maġistrati dehrilha li la ma kienx hemm definizzjoni ta' computer misuse u b'hekk kellha tara hi jekk l-azzjoni tal-appellanta tinkwadrax f'dan ir-reat; u dan minflok ma analizzat il-ġurisprudenza u wara li tgħarbilha tara jekk ir-riżultanzi kienux jinkwadraw fir-reat.

    ii. L-appellanti kellha aċċess għas-sistema tal-kompjuters kollha ta' DF Advocates inkluż email address. L-aċċess tagħha għall-istess email kien jestendi għal fuq apparat ieħor bħal mobile phones. Dan ma kien limitat b'ebda mod. L-appellanti kienet fil-pussess tad-data kollha kontenuta fl-istess server u marbut mal-impjieg tagħha. Dan ġie kkonfermat mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni stess.

    iii. Skond il-provi ma kienx hemm oġġezzjoni li l-appellanti tieħu notamenti u riċerka li kienet involuta fiha biex tużhom għall-istess linja li x'aktarx kienet ser tkompli iżda hi kienet insistiet illi ma teħodhomx. Kwindi d-Difiża tistaqsi kif dak li filfatt għamlet ġie meqjus bħala ksur ta' liġi.

iv. In oltre mis-sentenza li l-Qorti tal-Maġistrati ċċitat minnha effettivament irriżulta li l-akkużat ma kienx instab ħati ta' computer misuse. Id-difiża rreferiet ukoll għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Jeanelle Grima**. Apparti minn hekk il-liġi Maltija kienet ibbażata fuq dik tal-Ingilterra. Iżda filwaqt li l-leġislazzjoni fl-Ingilterra kienet inbidlet, dik Maltija ma segwitx l-istess passi tal-bidliet li saru fil-Liġi Ingliża u b'hekk il-Liġi Maltija tirrifletti l-Liġi Ingliża qabel dawn l-emendi.

v. Il-leġislazzjoni Maltija kienet intiża biex tkopri l-hacking tal-kompjuter u ma tkoprix l-iżvilupp tal-Liġi Ingliża kif mibdula.

vi. Il-Qorti tal-Maġistrati għamlet enunċazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet peress li ma jirriżulta minn imkien illi l-appellanta wetqet xi waħda mill-atti ndikati fl-artikoli 337C(1)(b) u 337C(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali.

vii. Inoltre l-Qorti tal-Maġistrati għamlet enunċjazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi fir-rigward tar-reat tal-appropjazzjoni indebita meta l-Qorti ġiet biex tapplika l-elementi ta' dan ir-reat. Effettivament jekk wieħed jirreferi għal dak illi xehdu Dr. Kevin Deguara u Dr. Anthony Galea jirriżulta li l-elementi fir-reat tal-approprijazzjoni indebita, u ċjoe li l-oġġett ġie fdat lilha, huwa nieqes. Bl-istess mod huwa nieqes ukoll l-element passiv i.e. l-ispostjament tal-oġġett.

viii. Ġie allegat li ttieħdu kopji; iżda m'hemmx il-prova li dawn effettivament ġew spostjati (il-contractatio huwa nieqes). Fl-istess mod huwa nieqes ukoll il-qliegħ mill-oġġetti in kwistjoni jew li dawret fi profit għaliha jew għall-ħaddieħor.

## D. IL-FATTI FIL-QOSOR

4. Illi nhar il-11 ta' Settembru 2012, il-Pulizija rċevew kwerela magħmula f'isem Dr. Kevin Deguara u Dr. Jean Carl Farrugia u

għan-nom tas-soċjeta' DF Marine Consultancy Services Limited fejn ġie allegat computer misuse u appropjazzjoni indebita da parti tal-appellanta. L-appellanta kienet avukata li għamlet bejn l-10 ta' Mejju 2010 u l-31 ta' Mejju 2012 taħdem fis-soċjeta tagħhom. Hija tterminat l-impjieg tagħha permezz ta' ittra ta riżenja datata 17 ta' Mejju 2012.

5. In oltre fl-14 ta' Awissu 2012, l-appellanta kienet iffurmat il-kumpanija bl-isem M. Demajo Maritime Services Ltd fejn hi kienet kemm azzjonista (flimkien mal-kumpanija M. Demajo), kif ukoll kienet direttriċi tal-istess. L-iskop ta' din is-soċjeta' kienet l-istess bħal ta' DF Marine Consultancy Services Limited.

6. Wara stħarriġ li għamlu r-rappreżentanti ta' DF Marine Consultancy Services Limited, irriżulta li minn mindu l-appellanta ppreżentat l-ittra tar-riżenja tagħha, hi kienet ittrasferiet sensiela ta' emails tax-xogħol mill-email address tad-ditta DF għal gmail account personali tagħha u dan mingħajr ma kienet ġiet awtorizzata tagħmel dan mis-superjuri tagħha fi ħdan id-ditta DF.

7. Konsegwentement inħareġ mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tagħha fejn f'Settembru tas-sena 2012, l-appellanta ġiet arrestata fuq il-post tax-xogħol il-ġdid. Fl-uffiċju tagħha kien hemm xi dokumenti li rriżultaw illi kienu ġew ikkupjati mingħand is-soċjeta' DF Marine Consultancy Services Limited. Apparti minn hekk ġie nnutat ukoll illi fuq il-laptop tagħha, li kien mixgħul, kellha wkoll miftuħ l-email personali tagħha fejn kienet ittrasferiet sensiela ta' dokumenti mis-soċjeta' DF Marine Consultancy Services Limited.

8. Meta l-appellanta ġiet mitkellma hi kkonfermat li kienet għamlet dan it-trasferiment iżda hi ddikjarat li għamlet dan sabiex ikollha kampjuni ta' dokumenti u tgħarif dwar il-proċeduri u x-xogħol fil-linja Marittima li kienet fl-ispeċjalita' tagħha u fejn riedet tavvanza. Hi qalet ukoll illi dan ma sar b'ebda mala fede fil-konfront tas-soċjeta DF fejn kienet taħdem qabel jew b'xi tir ulterjuri a skapitu tagħhom.

## E. IL-PARTI ĠENERALI

### Ikkunsidrat

9. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti

tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

10. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta’ din il-Qorti jibqa’ dak ta’

---

[1] Tal-21 t’April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta’ l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed”, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

11. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

12. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

13. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta'

14. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

15. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

16. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

---

Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

17. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne,**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

18. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

19. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

20. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni

[5] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

21. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

22. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

23. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

24. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

25. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

26. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

27. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-hearsay u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. Dan

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

peress li parti mix-xiehda prodotti f'dan il-każ jistrieħu esklussivament fuq dak li qalulhom il-protagonisti f'dan il-każ.

28. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-hearsay evidence, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

29. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet : **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-hearsay evidence kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
>
> > '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'
>
> 22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
>
> > 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma

tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law ruel against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

30. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan ilkliem:

'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement.

> It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

31. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-hearsay evidence ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar-

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu

> ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

32. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

33. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

34. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory".

Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## F. IL-PARTI SPEĊJALI

### ANALIŻI TAL-PROVI LI FUQHOM IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) SABET LILL-APPELLANTA ĦATJA TAR-REATI MIĠJUBA KONTRIHA FID-DAWL TAL-AGGRAVJI IMRESQA MILL-APPELLANTA

35. Illi l-appellanta qiegħda tisħaq illi l-Qorti tal-Maġistrati għamlet analizi inkompleta u skorretta tal-ipotezi tal-liġi li wasslet sabiex l-appellanta tiġi misjuba ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha. A differenza ta' dak illi ssostni l-Prosekuzzjoni, l-appellanta tisħaq li kellha l-awtorizazzjoni skont il-Liġi. Hi tgħid li:
(a) kienet ingħatat l-aċċess għas-sistema tal-kompjuters kollha ta' DF Advocates, inkluż aċċess għall-email address;
(b) dan l-aċċess kien jestendi għal fuq apparat ieħor bħal mobile phones;
(c) l-aċċess tagħha ma kien limitat b'ebda mod;
(d) hi kienet fil-pussess tad-data kollha kontenuta fl-istess server u li kien marbut mal-impjieg tagħha.

36. L-appellanta tisħaq li dan il-fatt kien anki ġie kkonfermat mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni stess. Dawn ma kellhomx oġġezzjoni illi l-appellanta tieħu n-notamenti u r-riċerka li kienet involuta fiha biex tużhom fuq l-istess linja li x'aktarx kienet ser tkompli taħdem fuqha.

37. L-appellanta tisħaq ukoll li ma kien jirriżulta minn imkien illi hija wetqet xi waħda mill-atti indikati fl-artikoli 337C(1)(b) u 337C(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali.

38. Mix-xiehda ta' Dr. Kevin Deguara u Dr. Anthony Galea jirriżulta li filwaqt illi l-appellanta kienet impjegata ma' DF Marine Consultancy Services Limited hi kellha indirizz tal-email li kien

assenjat lilha mill-kumpanija kif ukoll kellha l-awtorizzazzjoni li taċċedi għad-dokumenti u s-server tagħhom peress li kienet impjegata ma DF Marine Consultancy Services Limited.

39. Meta in kontro eżami l-espert Kurt Mahoney ġie mistoqsi dwar l-ewwel rapport redatt minnu - fejn analizza ħames folders illi kienu fil-pussess tal-appellanta u li kienu emanew mis-server - hu ma setax jikkonferma jekk kienx hemm 'hacking' sabiex dawn id-dokumenti jiġu trasferiti bil-mod kif saru. Huwa jindika wkoll illi x'aktarx dawn id-dokumenti ġew ittrasferiti f'daqqa għal raġuni mhux magħrufa lilu. Dan l-espert saħaq ukoll illi jekk persuna jkollha aċċess għal server ġeneralment ikollha wkoll aċċess li jippermettiha tikkopja din l-informazzjoni b'faċilita', allavolja dan jiddependi fuq is-set-up tas-server li jkun.

40. Li s-server kien filfatt miftuħ għall-avukati kollha, fosthom allura l-appellanta, ġie ulterjorment ikkonfermat mix-xhieda ta' Dr. Kevin Deguara. Meta mistoqsi Dr. Deguara kkonferma li s-server kien miftuħ għall-avukati kollha. U kien għal din ir-raġuni li l-appellanta setgħet liberament taċċedi għad-dokumentazzjoni li sussegwentement ittrasferiet mill-email li kellha ma DF Marine Consultancy Services Limited lill-email personali tagħha.[10] Irriżulta wkoll wara li fuq il-computer Lenovo tagħha hija kellha ferm aktar informazzjoni marbuta ma' DF Advocates u l-kumpaniji tagħhom minn dak li hija kienet bagħtet mill-kont tal-email account tax-xogħol tagħha għall-email account personali tagħha.

41. Mill-analiżi magħmula mill-espert tas-Cybercrime kif ukoll dak illi xehed ukoll il-ġja Spettur Angelo Gafa, ġie kkonfermat illi dakinhar li saret it-tfittxija fl-uffiċju l-ġdid tagħha ma Demajo il-kont tal-gmail użat mill-appellanta kien miftuħ fuq il-laptop tagħha tal-marka Lenovo. Gafa' stqarr ukoll illi l-appellanta tagħat aċċess għal dan il-kont lill-Pulizija, fuq talba tagħhom.

42. M'hemmx kontestazzjoni li l-appellanta ttrasferiet numru ta' dokumenti mill-email account tax-xogħol tagħha lill-email personali tagħha. Ma tressqet l-ebda prova illi xi waħda jew aktar minn dawn l-emails ġew mgħoddija jew ikkupjati lil terzi persuni jew li xi terzi persuni ibbenefikaw mill-kontenut tad-data jew dokumenti de quo, kemm matul kif ukoll wara l-impjieg tal-appellanti mal-kwerelanti. L-appellanta tisħaq li l-emails li hija trasferiet b'dan il-mod kienu emails

[10] Folio 160 tal-atti proċesswali. Xhieda ta' Dr. Kevin Deguara a folio 155 et seq u datat il-31 ta' Ottubru 2013.

li hija kienet irċeviet jew għax kienet ġiet ikkupjata bihom jew għax kienet involuta fis-sustanza tal-kontenut tagħhom matul il-kors tax-xogħol tagħha mal-kwerelanti. Saħqet ukoll li hija kienet ilha tagħmel dan it-trasferiment ta' data u dokumenti sa minn mindu bdiet taħdem mal-kwerelanti, in kwantu kienet tikkonsidra dan bħala parti mill-"formularju" li hija setgħet tuża matul il-perkors professjonali tagħha.

43. Irriżulta soddisfaċentement pruvat li sakemm kienet taħdem bħala Avukat mal-kumpanija DF Marine Consultancy Services l-appellanta kellha aċċess mhux biss għall-email account tax-xogħol, iżda wkoll għas-server tad-ditta. Ġie pruvat b'mod sikur li l-Avukati li jmexxu din id-ditta kienu awtorizzawha li jkollha aċċess għas-server u għall-informazzjoni kontenuta fih, peress li hija kienet taħdem mal-kumpanija DF Marine Consultancy Services.

44. Mix-xiehda ta' Dr. Anthony Galea, u li miegħu l-appellanti kienet adetta, jirriżulta li huwa kien innota li l-appellanta kellha kemm noti kif ukoll riċerki li kwalunkwe avukat prattikanti f'uffiċju legali jkollu. Dr. Galea stqarr li huwa saħansitra stedinha sabiex tieħu dawk id-dokumenti u l-appellanta irrifjutat li tagħmel dan. Dr. Anthony Galea jistqarr ukoll li fejn l-appellanta kienet involuta fix-xogħol ta' riċerka li setgħet kienet fil-bażi tal-isteżjura ta' dawk id-dokumenti, huwa ma kellux problema li l-appellanta żżomm kopja tagħhom. Iżda Anthony Galea jgħid li l-appellanta kienet ħalliethom hemm dawn id-dokumenti; għalkemm wara rriżultalu li l-appellanta kienet għamlet dan għax kienet diġa ħadet diversi dokumenti, ad insaputa tiegħu u tal-Avukati Diriġenti l-oħra.

45. Xi ġimgħa wara li l-appellanta telqet mill-Uffiċju huma kienu illokjaw l-email account tagħha; u l-korrispondenza li kienet setgħet tirċievi kienet ġiet ridiretta lejn il-kumpanija. U kien wara li sar dan li Anthony Galea beda jintebaħ li l-appellanta kienet bagħtet xi emails oħrajn mill-kont tax-xogħol tagħha lill-email account personali tagħha. Għall-bidu ma kienx ta wisq każ għax sa dak il-punt, milli kien għadu ra, ħaseb li l-appellanta kienet bagħtet b'dak il-mod xi żewġ jew tliet abbozzi ta' kuntratti; b'hekk qies li dawk setgħu kienu għall-informazzjoni tagħha u kienet ħadmet fuq dawk il-files. B'hekk ma kienx ta wisq importanza lil dan il-fatt.

46. Iżda wara, meta beda jistħarreġ f'aktar dettall dak li kienet għamlet l-appellanta, irriżultalu li kien hemm file partikolari, ċertu v735, li kien ukoll intbagħat. Issa dan kien file li Anthony Galea jgħid

li kien ħadem fuqu hu biss, u li l-appellanta ma kellha ebda sehem fih. Apparti minn hekk dan kien file li kien jikkunsidrah bħala kunfidenzjali ħafna. Anthony Galea jgħid li minn hemm induna li ma kienx hemm biss ftit emails li l-appellanta bagħatet għall-email account personali tagħha. Beda jidħol f'aktar dettall u sab li kien hemm diversi emails li l-appellanta kienet bagħtet għall-kont personali tagħha. Irriżultalu wkoll li wara li kienet telqet minn magħhom l-appellanta kienet waqfet kumpanija li, in poche parole kienet intiża li tkun kompetitriċi għal DF Marine Consultancy Services Limited.

47. Anthony Galea jisħaq ukoll li, bħal kull wieħed mill-impjegati tagħhom, l-appellanta verament kellha aċċess għas-server. Iżda kien hemm files li hu u s-segretarja tiegħu biss kienu jaċċedu għalihom; u l-anqas id-diretturi l-oħra ma kienu jidħlu fihom in kwantu kien hu li jamministra din il-kumpanija. Iżda li l-kumpanija DF Marine Consultancy Services kienet taħdem f'niche market u l-iżvilupp li kienet għamlet matul is-snin kien il-frott t'investiment li kienu għamlu s-soċji f'din is-soċjeta. Irriżultalu li l-appellanta kienet ħadet ukoll kopja stampata ta' dokumenti li kienu jkunu f'cabinet u li normalment kien jaċċedi għalihom hu biss. Anthony Galea ma jgħidx jekk dan il-cabinet li kien fl-uffiċju tiegħu (u li l-appellanta kienet ukoll taħdem fih matul ix-xogħol tagħha mal-kwerelanti) kienx ikun imsakkar jew le; jew jekk l-appellanta kienetx projbita milli taċċedi għal dan il-cabinet; iżda mill-provi prodotti din il-Qorti fehmet li dan il-cabinet kien ukoll aċċessibbli għall-appellanta.

48. Anthony Galea jikkonferma li l-appellanta kienet ħadet lista tal-klijenti tal-kumpanija DF Marine Consultancy Services inkluż rendikonti tal-ħlasijiet li kienu għamlu dawk il-klijenti għas-sena 2011 u jżid li l-appellanta ma kellhiex x'taqsam ma dawn id-dokumenti; u ma kienx jaf kif l-appellanta kienet taf li jeżistu.

49. Anthony Galea jsostni li dawn id-dokumenti kienu jagħtu stampla tal-qalba tan-negożju tal-kumpanija DF Marine Consultancy Services. Jgħid ukoll li l-appellanta kienet ukoll fil-pussess ta' dokumenti oħra li kienu miktuba minn idu stess; oħrajn li kienu jinkludu estratti ta' SWAT analyis u oħrajn marbuta mal-istrategic planning tal-kumpanija. In definittiva dawn kienu dokumenti meħuda mingħandu u ma kienux dokumenti li hu kien tahomlha jew ippermettielha li teħodhom.

50. Iżid ukoll li darba minnhom, waqt li kien f'konferenza f'Amsterdam, kien ġie avviċinat minn persuna li kienet kuntatt tagħhom, u li ismu ma kienx jidher fid-dokumentazzjoni. Din il-persuna kienet qaltlu li kienet irċieviet email mingħand l-appellanta biex jiltaqgħu. Dan il-fatt kien aktar saħħaħ il-ħsieb f'moħħ Anthony Galea li l-appellanta kienet ħadet ferm aktar informazzjoni milli kien ħaseb għall-bidu. Din kienet ukoll waħda mir-raġunijiet li xprunatu li jinforma lis-soċji l-oħra u li jmorru jiksbu parir kif l-aħjar jipproċedu fil-konfront tal-appellanta.

51. Mill-banda l-oħra l-appellanta tilqa' għal dawn l-argumenti billi tgħid, inter alia, li hija kienet awtorizzata li taċċedi għal dik l-informazzjoni kollha u ma kellha ebda restrizzjoni minn din il-kumpanija dwar tali aċċess. Tgħid ukoll li hija kienet tkun involuta fl-aspetti diversi ta' dan in-negozju, inkluż il-quotations li kienu jagħtu lil klijenti u informazzjoni sensittiva oħra in kwantu hija kienet tieħu ħsieb it-tmexxija tan-negozju tal-kumpanija DF Marine Consultancy Services meta Anthony Galea kien ikun imsiefer.

52. L-appellanta tammetti li hija ma kienetx selettiva ħafna fl-informazzjoni li bagħatet mill-email account tax-xogħol tagħha lill-email account personali tagħha. **<u>Hija tgħid li bagħtithom ħalli jekk għada pitgħada jinqala' xi ħaġa tkun tista' tuża dik l-informazzjoni</u>**. Tgħid li l-emails kollha li bagħtet kienu jinsabu fl-email account tax-xogħol tagħha. Hi tgħid li allura ma kienetx xi ħaġa li hija kienet ħadet jew li ma setgħetx tieħu in kwantu dawk id-dokumenti kollha kienu jinsabu fl-email account tagħha tax-xogħol. Hi tgħid li ħadithom għaliex kienet ikkupjata fihom jew inkella għax kienet involuta fihom hi. L-appellanta tqishom bħala parti mill-prattika tagħha mal-kumpanija.

53. L-appellanta tirrikonoxxi li kienet qalet li **<u>hija ma kienetx ġiet awtorizzata</u>** biex tibgħat dawk l-emails. Biss tisħaq li hija kellha aċċess għall-informazzjoni kollha tal-kumpanija u tad-ditta DF. Hija ma kellhiex aċċess biss għall-emails. Hi tgħid li ma daħlitx fl-email account ta' ħaddieħor jew inkella aċċessat il-kompjuter ta' Dr. Anthony Galea. Tinsisti li kull ma għamlet kien li daħlet fl-email account tagħha stess bil-password tagħha u d-dokumenti li bagħtet kienu kollha dokumenti li hija kellha fl-aċċess tagħha. Għaliha din kienet xi ħaġa impliċita li setgħet tagħmel dan kollu.

54. Inoltre kwantu għall-fotokopji ta' dokumenti li nstabu għandha l-appellanta tgħid li dawn kienu fil-cabinet ossija ssejjaħlu cupboard

u dawn id-dokumenti kien iqiegħedhom hemm Anthony Galea. Tgħid li kien hemm ukoll riċerka li kienet għamlet hi stess matul iż-żmien. Iżżid li kien hemm ukoll kopji ta' kuntratti li kienu jinsabu fl-email tagħha. Tgħid ukoll li kien hemm kopji stampati li kien tahomlha kaptan.

55. Kwantu għall-episodju fejn Anthony Galea kien qalilha biex tieħu dawk id-dokumenti li kienet għamlet riċerka fuqhom, hi tgħid li dawn ma ħadithomx minħabba li kienet diġa ħadithom qabel. Hi żżid li kienet qabdet sensiela ta' dokumenti u li kienet ħadet fotokopja tagħhom mingħajr ma qagħdet toqgħod tifli dak li kienet qegħda tieħu. Fil-fatt dawn id-dokumenti imbagħad sabuhom fl-uffiċju tagħha.

56. Minbarra dan iżżid tgħid ukoll li fuq id-desktop tagħha kien hemm folder li ma kellux ikun hemmhekk. Biss hija qalet li spiċċa hemmhekk għax il-harddrive tagħha spiċċat tkissret u biex issalva dak li kien salvabbli trasferiet kollox għal fuq il-kompjuter tagħha.

**Ikkunsidrat**

57. Il-kontestazzjoni ewlenija fir-rigward tal-imputazzjonijiet li jittrattaw ir-reati rigwardanti l-allegat użu mhux kif dovut ta' computer tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-frazi 'mingħajr awtorizazzjoni'. Huwa utli illi l-ewwel qabel kollox issir referenza għad-diċitura tal-liġi kif ukoll għall-interpretazzjonijiet mogħtija lil din il-frazi kemm fil-liġi kif ukoll f'ġurisprudenza.

58. L-appellanta ġiet mixlija bil-ksur taħt l-artikolu 337C(1)(a)(b)(c) u (f) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll bl-artikolu 337F(2)(3)(a) li jirregola l-piena applikabbli għall-ksur tal-artikolu 337C tal-Kodiċi Kriminali.

59. L-artikolu 337C tal-Kodiċi Kriminali limitatament għas-subparagrafi relevanti għal dan il-każ jinqara kif ġej:

> 337Ċ. (1) Persuna li mingħajr awtorizzazzjoni tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu –
>
> (a) tuża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew tuża, tikkopja jew timmodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;

(b) tagħmel output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-computer li jkunu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun;

(ċ) tikkopja kull data, software jew dokumentazzjoni ta'appoġġ għal kull medjum ta' ħżin li ma jkunx dak li soltu jinżamm fih jew għal mkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn soltu jinżamm;

(f) tieħu pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew tagħmel użu minnhom;

60. Illi importanti ssir referenza wkoll għas-subartikoli (2), (3) u (4) tal-istess disposizzjoni li jinqraw kif ġej:

(2) Għall-għanijiet ta' dan is-Sub-titolu:

(a) persuna titqies li taġixxi mingħajr awtorizzazzjoni jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata;

(b) persuna titqies bħala persuna intitolata jekk il-persuna nnifisha jkollha jedd tikkontrolla l-attivitajiet imfissra fis-subartikolu (1)(a) sa (j) jew fl-artikolu 4(a) u (b) ta' dan is-Sub-titolu.

(3) Għall-għanijiet tas-subartikolu (1):

(a) persuna titqies li tkun għamlet reat irrispettivament jekk, fil-każ ta' xi modifikazzjoni, dik il-modifikazzjoni tkunx maħsuba li tkun waħda permanenti jew temporanja;

(b) il-forma kif jinħareġ output ta' xi software jew data u partikolarment jekk din tkunx forma jew le li fiha, fil-każ ta' software, tkun tista' tiġi esegwita jew, fil-każ ta' data, tkun tista' tiġi pproċessata minn computer, mhix importanti.

(4) Għall-għanijiet tas-subartikolu (1)(f), persuna li minħabba li jkollha fil-kustodja tagħha jew taħt il-kontroll tagħha xi data, computer software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li ma tkunx awtorizzata li jkollha, għandha titqies bħala li tkun ħadithom fil-pussess tagħha.

61. Ukoll utli li din il-Qorti tirreferi għad-definizzjonijiet mogħtija taħt dan l-istess titolu ta' 'dokumentazzjoni ta' appoġġ' u 'output' li huwa s-segwenti:

"computer output" jew "output" tfisser il-preżentazzjoni jew ix-xbieha ta' data sew f'għamla miktuba, stampata, bi stampi, ta' wiri fuq skrin, fotografika jew filmata xort'oħra, grafika, bil-ħoss, sew f'kull għamla oħra li tiġi prodotta minn computer;

"dokumentazzjoni ta' appoġġ" tfisser kull dokumentazzjoni li tintuża fis-sistema tal-computer fil-kostruzzjoni, kjarifika, implementazzjoni, użu jew modifikazzjoni tas-software jew tad-data;'

62. Filwaqt li l-artikolu 337F(6) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li

l-prosekuzzjoni ma tkunx meħtieġa li ġġib provi biex twaqqa' l-effett ta' xi awtorizzazzjoni meħtieġa taħt dan is-Sub-titolu u l-oneru li tinġieb prova dwar awtorizzazzjoni bħal dik ikun jinkombi fuq il-persuna li tkun qed tallega li għandha dik l-awtorizzazzjoni: Iżda dan l-oneru ma għandux jitqies bħala li jkun tneħħa biss bix-xiehda mhux korroborata tal-persuna akkużata.

63. L-aktar sentenza reċenti fuq din il-materja illi sar ħafna aċċenn għaliha u li ġiet imxebħa mal-fatti u ċirkostanzi ta' dan il-każ hija dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeanelle Grima** deċiża minn din il-Qorti diversament ippreseduta fis-26 ta' Ġunju 2019 fejn din il-Qorti laqgħet l-interpretazzjoni legali li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward tar-reat ta' computer misuse. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Maġistrati, dak iż-żmien presjeduta mill-ġia Maġistrat, illum Imħallef, Consuelo Scerri Herrera irriteniet is-segwenti:

Ir-reati li jikkoncernaw l-uzu mhux kif awtorizzat fil-kompjuter jinsabu fis-subtitolu V tal-Kodici Kriminali intitolat 'Of Computer Misuse' u gie introdott permezz ta' Att VII tas-sena 2010 u emendat b'Att VII tas-sena 2015.

Il-Computer Misuse Bill li hareg ghad-dikussjoni pubblika nhar it-18 ta' Novembru 2000 kienet wahda mit-tlett bills li hargu sabiex jikkriminalizza reati konnessi mal-uzu hazin ta' kompjuter. Din kelha bzonn framework regolatorju sabiex ikollna socjeta' elettronika u jidher li dan kien l-ghan ewlieni tal-ligi li kienet qed tigi diskussa. Din il-ligi giet proposta sabiex jigi indirizzat dan il-fattur ta' uzu hazin. Kif jirrizulta mid-dibattiti parlamentari tas-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2000 l-allura Onorevoli Ministru tat-Trasport u Komunikazzjoni il- Perit Censu Galea gie raportat li qal is-segwenti:

"madankollu rridu niehdu ukoll il-mizuri legislattivi, il-passi legali necessarji irid ikollna l-framework legali ukoll, li permezz tieghu min jipprova b'xi mod jabbuza minn dik l-informazzjoni li jkun hemm fuq is-sistemi li qieghdin insemmi attwalment ikun jista' jigi processat, attwalment tkun jista ukoll jittiehdu filkonfront tieghu l-passi legali..."

Pero' kif anke gie diskuss fl-istess seduta kif ser jigi rapportat, il-parlamentari hadu in konsiderazzjoni l-importanza li l-ligi nostrana tkun in linea ma' standards internazzjonali. Fis-sens li jkun hemm mhux biss ghajnuna reciproka internazzjonali f'materji ta' indole kriminali, izda li jkun hemm standardisation of offences, sabiex b'hekk ikun hemm uniformita' fir-reati. Ghalhekk il-mudell Malti huwa influwenzat bi kbir bil-konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa fuq Cybercrime u l-ligi Ingliza. L-allura Ministru tal-

Gustizzja u Gvern Lokali Dr Austin Gatt meta kkummenta fuq dan il-Bill ta' Computer Misuse stqarr ssegwenti:

"… mhux bilfors irridu nehduhom (direttivi tal-UE, UN et al) in konsiderazzjoni. Mela nistghu ninjoraw l-istandards li qed taghmel l-Ewropa, li qed taghmel l-Amerika, li qed jaghmlu l-Far East u li qed jaghmlu organizazzjonijiet Internazzjonali."

Cio' nonostante pero' l-ligi dwar computer misuse ma gietx promulgata bhala ligi separata kif hemm f'diversi pajjizi Ewropej izda integrata fil-kodici penali u ghalhekk il-ligi dwar computer misuse taghmel referenza biss ghal certi istanzi ta' uzu hazin tal-kompjuter fejn ir-reati tradizzjonali li jistghu jigu kommessi bl-uzu ta' kompjuter gew imwarrba.

...Huwa difficli hafna li tinghata definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi uzu hazin ta' kompjuter ghaliex kwalsiasi definizzjoni li tinghata trid ikollha tibdil kontinwu peress li t-teknologija li tintuza ghal kreazzjoni ta' reat fuq kompjuter tinbidel fi zmien qasir.

Peress illi din il-ligi hija modellata fuq il-ligi Ingliza maghrufa bhala Computer Misuse Act 1990 jkun utli li din il-Qorti tara jekk f'dik il-ligi nghatatx tifsira propizja. Fl-Artikolu 1 tal-Ligi Ingliza nsibu li l-access irid ikun mhux awtorizzat sabiex ikun hemm reat ta' computer misuse. Richard Card fil-ktieb tieghu intitolat 'Criminal Law' jghid li dan ghandu jkun "Access of any kind by a person is unauthorised if he is not entitled to control access of the kind in question to the program or data and he does not have access of the kind in question to the program or data and he does not have consent to such access from any person who is so entitled."

Blackstone fil-ktieb tieghu intitolat Criminal Practice jiddiskrivi dan l-unauthorised access billi jipprovdi is-segwenti:
"Access of any kind by any person to any program or data held in a computer is unauthorised if (a) he is not himself entitled to control access of the kind in question to the program or data and (b) He does not have consent to access by him of the kind in question to the program or data from any peson who is so entitled"

Infatti fil-ktieb intitolat Computer Law ippublikat minn Reed u Angel b'referenza ghal Computer Misuse Act tar-Renju Unit, jinghad hekk:
"First, there must be 'intent to secure access to any program or data held in any computer. . . . Second, the person must know at the time that he commits the actus reus that the access he intends to secure is unauthorised. The intent does not have to be directed at any particular program."

64. L-istess kunsiderazzjonijiet legali ġew anki riflessi u prattikament riprodotti kelma b'kelma fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Salvatore Laferla** kif deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-27 ta' Novembru 2017.

65. Ulterjorment il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-appell **Grima**, kompliet kif ġej:

> Illi hija l-fehma tal-Qorti illi l-ghan tal-legislatur meta haseb biex jissanzjona l-uzu hazin tal-kompjuter u ghalhekk illi johloq reat gdid certament kien illi tigi punita dik il-persuna li b'malizzja taghmel uzu mhux awtorizzat ta' informazzjoni, data jew software. Dan ghaliex lil hinn mill-att materjal tar-reat kif elenkat fis-sub-incizi ghall-artikolu 337C tal-Kodici Kriminali, l-awtur tar-reat necessarjament jenhtieglu li jifformola l-intenzjoni kriminuza, u cioe' irid jkun hemm l-element formali ukoll abbinat mal-att materjali. Illi fil-fatt is-sub-inciz (2) ghall-artikolu 337C jiddisponi hekk: "Għall-għanijiet ta' dan is-Sub-titolu: (a) persuna titqies li taġixxi mingħajr awtorizzazzjoni jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata; (b) persuna titqies bħala persuna intitolata jekk il-persuna nnifisha jkollha jedd tikkontrolla l-attivitajiet imfissra fis-subartikolu (1)(a) sa (j) jew fl-artikolu 4(a) u (b) ta' dan is-Sub-titolu." (il-Qorti tosserva illi dan l-artikolu 4(a) u (b) ma huwiex rifless fil-ligi u allura huwa dubitat ghal liema disposizzjoni tal-ligi l-legislatur qed jaghmel referenza! X'aktarx li qed issir referenza ghall-artikolu 337D.)
>
> Illi allura in-nuqqas ta' awtorizazzjoni li huwa l-element ewlieni li johloq ir-reat irid jkun necessarjament jemani mill-"persuna intitolata" li ikollha is-setgha u l-jedd tikkontrolla l-attivitajiet li telenka l-ligi fl-artikolu 337C... Illi l-hsieb tal-legislatur, fil-fehma ta' din il-Qorti, allura kien dak li jissanzjona l-att materjali li huwa deskritt fil-ligi ingliza bhala "unauthorised use of authorised access" u allura tirrizulta l-htija meta l-awtur tar-reat jikseb access sabiex jottjeni informazzjoni kunfidenzjali ghal uzu hazin jew skopijiet mhux legittimi. Tant hu hekk illi l-legislatur irrenda r-reat aktar gravi meta dan isehh bi vjolazzjoni tal-fiducja li ghandha tezisti bejn l-impjegat u il-principal tant illi l-artikolu 337F(3)(a) jissanzjona b'mod aktar oneruz: "meta r-reat isir f'xi post minn impjegat bi preġudizzju tal-prinċipal tiegħu jew bi preġudizzju ta' terzi, jekk il-pożizzjoni tiegħu ta' impjegat, sew vera sew fittizja, tkun għamlitha faċli għalih li jagħmel ir-reat."[11]

66. Il-Liġi Maltija de quo hija ispirata minn diversi sorsi u mhux biss minn dik Ingliża. Fil-fatt il-Liġi Maltija la hi identika għal dik Ingliża u l-anqas għal dik Amerikana. Il-Liġi Maltija hija miktuba b'mod aktar wiesa' billi tipprovdi mhux biss għal atti ta' **hacking** minn persuni minn barra organizzazzjoni - **outside hackers** - iżda wkoll fiha l-ingredjenti ta' **computer fraud** minn dawk riferiti bħala **inside hackers** b'dak li s-sentenza **Grima** ssejjah bħala:

> "unauthorised use of authorised access" u allura tirrizulta l-htija meta l-awtur tar-reat jikseb access sabiex jottjeni informazzjoni kunfidenzjali ghal uzu hazin jew skopijiet mhux legittimi.

[11] Deċiża nhar is-26 ta' Ġunju 2019 u ppreseduta mill-Imħallef Edwina Grima.

67. Iżda fis-sistema Ingliż, il-kliem tal-Liġi għalkemm jixbaħ lil dak Malti, huwa ffukat l-iżjed fuq il-kunċett tal-aċċess mhux awtorizzat għal informazzjoni kontenuta f'computer. Żewġ każijiet li għadhom kunsidrati bħala l-bażi tal-każistika ingliża f'dan il-qasam huma **D.P.P. vs. Bignell**,[12] u **Bow Street Magistrates Court and Allison (A.P.) Ex Parte Government of the United States of America (on Appeal from a Divisional Court of the Queens Bench Division)** deċiża mill-House of Lords fil-15 ta' Lulju 1999. Is-siltiet l-aktar rilevant tal-Computer Misuse Act, 1990 in materia huma:

1(1) A person is guilty of an offence if -
(a) he causes a computer to perform any function with intent to secure access to any program or data held in any computer;
(b) the access he intends to secure is unauthorised; and
(c) he knows at the time when he causes the computer to perform the function that that is the case.

(2) The intent a person has to have to commit an offence under this section need not be directed at -
(a) any particular program or data;
(b) a program or data of any particular kind; or
(c) a program or data held in any particular computer....

2(1) A person is guilty of an offence under this section if he commits an offence under section 1 above ("the unauthorised access offence") with intent
(a) to commit an offence to which this section applies; or
(b) to facilitate the commission of such an offence (whether by himself or by any other person).

17 (1) The following provisions of this section apply for the interpretation of this Act.

(2) A person secures access to any program or data held in a computer if by causing a computer to perform any function he-
(a) alters or erases the program or data;
(b) copies or moves it to any storage medium other than that in which it is held or to a different location in the storage medium in which it is held;
(c) uses it; or
(d) has it output from the computer in which it is held (whether by having it displayed or in any other manner);
and references to access to a program or data (and to an intent to secure such access) shall be read accordingly. ..........................

(5) Access of any kind by any person to any program or data held in a computer is unauthorised if -

[12] [1998] Cr. App. R. 1

> (a) he is not himself entitled to control access of the kind in question to the program or data; and
> (b) he does not have consent to access by him of the kind in question to the program or data from any person who is so entitled.

68. Fil-każ **Bignell**, żewġ uffiċjali tal-Pulizija kienu nstabu ħatja taħt l-artikolu 1 tas-CMA. Dawn iż-żewġt aġenti tal-Pulizija kienu kkonvinċew lil operatur tal-kompjuter tal-Pulizija ifittex mis-sistema tal-Kompjuter tal-Pulizija (NPC) xi informazzjoni relatata mas-sidien u r-reġistrazzjoni ta' żewġ karozzi. Huma ma kellhomx l-awtorità li jagħmlu t-talba jew jiksbu dik l-informazzjoni in kwantu ma kienetx marbuta ma' raġunijiet relatati mad-doveri tagħhom. Huma ivvintaw storja biex jikkonvinċu lil dan l-operatur tal-kompjuter u dan, mingħajr ma kien jaf il-veru raġuni għaliex għamlulu dik it-talba, ġabilhom din l-informazzjoni. Dan l-operatur kien awtorizzat li jidħol fis-sistema tal-Kompjuter tal-Pulizija. Dawn l-Uffiċjali kienu jafu li kellhom jużaw ir-rekords tal-PNC biss għal skopijiet tax-xogħol tagħhom ta' Pulizija.

69. Daż-żewġ uffiċjali ġew imresqa l-Qorti u instabu ħatja. Huma appellaw quddiem il-Crown Court. Il-Crown Court Crown laqgħet l-appell u ddeċidiet li l-imputati ma kienux kisru l-artikolu 1 tas-CMA meta huma talbu lill-operatur tal-kompjuter biex ifitxilhom fil-Kompjuter tal-Pulizija in kwantu l-operatur kien qiegħed iwettaq att li huwa kien awtorizzat li jagħmel : ċjoe jwieġeb għal talbiet ta' informazzjoni minn Uffiċjali tal-Pulizija. Il-Prosekuzzjoni pero talbet lill-Crown Court biex tirreferi l-każ quddiem id-Divisional Court. Id-Divisional Court qablet mal-konklużjoni tal-Crown Court meta din laqgħet l-appell. Id-Divisional Court qieset li dawn l-Uffiċjali tal-Pulizija setgħu forsi jiġu mħarrka taħt l-artikolu 5.3 tad-Data Protection Act tal-1984; iżda l-Prosekuzzjoni ma għamlitx dan.

70. Din id-deċiżjoni ġiet ikkritikata in kwantu illimitat ħafna l-possibilita ta' prosekuzzjoni ta' każijiet ta' internal hacking, filwaqt li ħalliet il-bieb miftuh għal prosekuzzjoni ta' outside hackers. Il-kritika saret, b'mod partikolari minħabba l-fatt li daqskemm l-awtorizzazzjoni kienet meħtieġa sabiex ikun jista' legalment isir aċċess għal computer, database jew network, hekk ukoll kienet kruċjali l-awtorizzazzjoni relattiva għan-natura tal-użu li wieħed ikun jista' jagħmel minn dik l-informazzjoni li tkun ġiet ottjenuta grazzi għall-awtorizzazzjoni għall-aċċess għal dik l-informazzjoni fl-ewwel lok.

71. Fis-sentenza **Allison** il-House of Lords pruvat, xi ftit jew wisq, tindirizza parti minn din il-problematika. Sa ċertu punt is-sentenza **Allison** irrevokat is-sentenza **Bignell** u ffukat aktar fuq il-kunċett ta' "unauthorised use of authorised access".

72. Il-fatti bażiċi fil-kawża **Allison** kienu li fl-1997 Allison kien ġie arrestat b'mandat proviżorju maħruġ taħt l-Extradition Act, 1989 fuq talba tal-Gvern tal-Istati Uniti wara li kien assoċja ruħu Joan Ojomo, u oħrajn biex jiżgura aċċess mhux awtorizzat għas-sistema tal-kompjuter American Express bl-intenzjoni li jwettaq serq u falsifikazzjoni, u biex jikkawża modifika mhux awtorizzata għall-kontenut tas-sistema tal-kompjuter tal-American Express fis-sensi tal-artikoli 2 u 3 tas-CMA 1990.

73. Ojomo kienet taħdem bħala "credit analyst" mal-American Express u għalkemm kellha l-kapaċità teknika li taċċessa l-kontijiet tal-klijenti kollha, hija kienet awtorizzata biss biex taċċessa kontijiet assenjati lilha. Minkejja dan, hija aċċediet għal files ta` klijenti li ma kienux assenjati lilha u tat l-informazzjoni lil Allison u lil oħrajn. Grazzi għal din l-informazzjoni, Allison u l-oħrajn irnexxielhom jikkodifikaw karti ta' kreditu u jipprovdu numri tal-PIN b'mod li illegalment jiġbdu l-flus mill-ATMs. Ojomo ma kellhiex awtorizzazzjoni la biex taċċessa d-data li użat biex tgħaddi l-informazzjoni għall-kodifikazzjoni ta' karti foloz, u l-anqas ma kellha awtorizzazzjoni ġenerali biex taċċessa kontijiet li ma kinux direttament relatati mad-dmirijiet tax-xogħol tagħha.

74. Ojomo, kienet tinsab fl-Istati Uniti filwaqt li Allison kien fl-Ingilterra. L-aċċess għall-kontijiet eżerċitat minn Ojomo kien jikser il-"private computer policy" tal-American Express. Inoltre, fl-Istati Uniti l-aġir tagħha kien kunsidrat bħala aċċess mhux awtorizzat abbażi tat-test tal-"intentional use" stabbilit mill-ġurisprudenza Amerikana (Morris). In konsegwenza għal dan l-aġir ta' Ojomo, Allison u sħabhom, l-American Express kienet ġiet frodata b'madwar miljun dollaru Amerikan.

75. Allison inqabad f'Londra juża waħda mid-debit cards illegali, u ġie arrestat biex jiġi estradit lejn l-Istati Uniti. Fost il-kwistjonijiet legali li qamu f'din il-proċedura t'estradizzjoni, kien hemm dak relattiv dwar jekk kienx hemm aċċess mhux awtorizzat fis-sens tal-artikolu 1 tal-CMA, u dan peress li dan kien prerekwiżit għall-fini tal-artikolu 2 tal-istess CMA.

76. Kemm il-Maġistrate's Court kif ukoll id-Divisional Court ibbażaw ruħhom fuq l-interpretazzjoni tal-artikolu 17 tal-CMA fil-każ **Bignell** u b'hekk ma sabux li Allison setgħa jiġi estradit fuq ir-reat t'aċċess mhux awtorizzat għas-sistema tal-kompjuter American Express bl-intenzjoni li jwettaq serq u falsifikazzjoni in kwantu ma sabux li Ojomo wetqet użu mhux awtorizzat ta' aċċess awtorizzat.

77. Lord Hobhouse pero, kontra għal dak stabbilit mill-Magistrate's Court u d-Divisional Court, sostna li l-artikolu 17 tal-CMA jistabbilixxi żewġ livelli ta aċċess, iġifieri "access of any kind" u "access of the kind in question". Din id-distinzjoni tidentifika żewġ tipi ta' aċċess mhux awtorizzat –

(a) dak għal "outside hackers" li jkollhom "access of any kind" fejn ma jkun hemm ebda tip t'awtorizzazzjoni minn persuna intitolata biex isir dak l-aċċess; u l-ieħor,

(b) fejn jista' jkun hemm xi forma t'awtorizzazzjoni minn persuna intitolata għall-aċċess iżda li ma tkunx awtorizzazzjoni għal dak it-tip ta' użu magħmul mill-malvivent li jkollu l-aċċess awtorizzat - ossija għal dawk li huma "inside hackers", li jkollhom "access of the kind in question".

78. Il-House of Lords għalhekk tirrikonoxxi li jista' jkun hemm limiti għall-awtorizzazzjoni li jiddependu fuq in-natura tal-użu tal-aċċess mogħti. Barra minn hekk, skont **Allison**, l-imħallef **f'Bignell** interpreta "access to a program or data" li tfisser bħala "access to a computer at a particular level". Il-House of Lords qieset li b'din l-interpretazzjoni l-"unauthorised use of authorised access" kienet tkun impossibbli li tiġi stabbilita. B'hekk **Allison** tinterpreta t-terminu "authority to access data of the type in question" bħala li ma tinkludix aċċess għal ċerti kategoriji ta informazzjoni fl-astratt, iżda bħala awtorizzazzjoni biex taċċessa informazzjoni speċifika relatata mal-kuntest partikolari għal liema awtorizzazzjoni kienet ingħatat.

79. Restrizzjoni fuq l-aċċess tista' ssir b'mezz ta' kontroll teknoloġiku, jew inkella bil-mezz ta' ftehim espress bejn min iħaddem u l-impjegat in kwistjoni. Iżda fejn ma jkunx hemm la waħda u l-anqas l-oħra, l-evalwazzjoni dwar jekk persuna tkunx awtorizzata o meno (jew tkunx qabżet dik l-awtorizzazzjoni ta' min iħaddimha) tista' titqies li tkun ibbażata wkoll fuq xi policies dwar l-użu tal-kompjuter jew xi prattiċi mistennija minn utent ta' kompjuter jew anke minn ftehim impliċitu bejn il-partijiet.

80. Forsi l-aktar siltiet rilevanti minn din id-deċiżjoni tal-House of Lords hija s-segwenti :

My Lords, what I have already said serves to identify the points upon which the Divisional Court fell into error. The certified question refers to "authority to access data of the kind in question". The use of the phrase "data of the kind in question" seems to derive from a simple misreading of s.17(5) and a confusion between kinds of access and kinds of data. Nor is s.1 of the Act concerned with authority to access kinds of data. It is concerned with authority to access the actual data involved. Because s.1(1) creates an offence which can be committed as a result of having an intent to secure unauthorised access without in fact actually succeeding in accessing any data, s.1(2) does not require that the relevant intent relate to any specific data. But that does not mean that access to the data in question does not have to be authorised.

The key passage in the judgment of Kennedy L.J., with which Blofeld J. agreed, follows on his quotation of s.17(5) at [1999] Q.B. 847, 857:

"Miss Montgomery [for Mr Allison] submits that it is clear from the evidence that Joan Ojomo was entitled to control access of the kind in question to the program or data, just like the police officers in *Bignell's* case, so the access was not unauthorised even though she misused the information she obtained. Mr Lewis [for the Government] submits that her access was unauthorised because it was intentional, unauthorised by a person entitled to authorise access to that particular data and carried out when she knew that the access to that data was unauthorised. I confess that I found Mr Lewis's approach to be the more attractive but at the end of the day it seems to me that it fails to do justice to the words 'of the kind in question' which qualify the word access in s.17(5). Joan Ojomo was entitled to control access of the kind in question. She was operating in a regular way at her authorised level. As Astill J. said in *Bignell's* case, the Act of 1990 was enacted to criminalise the 'hacking' of computer systems and the Data Protection Act 1984 was enacted to criminalise improper use of data."

Thus, Kennedy L.J. is making the same elisions as Astill J. He treats the phrase "entitlement to control" as if it related to the control of the computer as opposed to the entitlement to authorise operators to access to programs and data. He adopts the extraneous idea of an authorised level of access without considering whether, on the facts of the case, it corresponds to the relevant person's authority to access the data in fact accessed. He confines s.1 of the Act to the "hacking" of computer systems as opposed to the use of a computer to secure unauthorised access to programs or data. Upon a misreading of s.17(5), he fails to give effect to the plain words of s.1. The meaning of the statute is clear and unambiguous. But it is right that I should briefly say something about the argument based upon the Working Party Paper and Report of the Law Commission which (together with the Report of the Scottish Law Commission) led to the passing of the Act of 1990. The argument was influential in the Divisional Court both in *Bignell* and in the present case and was further relied on by the Respondent before your Lordships. The Respondent quoted passages from the Paper and the Report to the effect:

"It should be made clear that 'unauthorised' refers to the obtaining of access to a computer system. Our preliminary view is that it would be undesirable for a hacking offence to extend to an authorised user who is using the computer system for an unauthorised purpose." (Paper, para.6.24)

". . . if an employee deliberately seeks to enter part of his employer's system from which he is clearly debarred his conduct is of the same type as the outside hacker, and our proposed offence will apply to him as much as it applies to the outside hacker." (Report, para. 3.6)

". . . if the hacking offence is to be aimed at protecting the integrity of the computer (and our view is that it should), then there is no justification for exempting employees who threaten that integrity." (Report, para. 3.36)

Read as a whole, the Report makes it clear that the term "hacking" is used conveniently to refer to all forms of unauthorised access whether by insiders or outsiders and that the problem of misuse by insiders is as serious as that by outsiders (para. 3.5). The offence should cover a person who causes the computer to perform a function when he "should know that *that* access is unauthorised" (para. 3.33, emphasis supplied). An employee should only be guilty of an offence if his employer has clearly defined the limits of the employee's authority to access a program or data (para. 3.37). Similar passages are to be found in the Report of the Scottish Law Commission.

Whilst the Report of the Law Commission supports the correctness of the *decision* in *Bignell*--the phrase 'causing a computer to perform any function' refers to the "manipulation" of a computer (para. 3.26)--it does not justify the language used by Astill J. followed by Kennedy L.J. in the present case. The consideration of the mischief which the Act was designed to meet confirms and does not contradict the clear meaning of s.1 of the Act and the equally clear purpose of s.17(2) and (5).

The decision of the Divisional Court in the present case was erroneous and the appeal fell to be allowed. As your Lordships' House has already announced the case has been remitted to the magistrate for reconsideration. Full reasons having been given for allowing the appeal, it is unnecessary separately to respond to the certified question.

81. Dan juri li sa ċertu punt kien hemm qabża ta’ kwalita minn **Bignell** għal **Allison** fis-sens li fejn l-enfażi **f’Bignell** kienet fuq il-protezzjoni tal-liġi għal hacking estern, f’Allison saret ukoll enfażi dwar il-protezzjoni tal-liġi għal hacking intern nonche l-ħtieġa li l-protezzjoni tal-integrita tal-informazzjoni ssir aktar b’saħħitha.

82. Kunċetti li huma simili, sa ċertu punt, għal dawk Maltin, jinsabu wkoll fil-**Computer Fraud and Abuse Act** fl-Istati Uniti tal-Amerika.[13] F’artiklu pubblikat fl-**American Business Law Journal**

[13] Pub. L. No. 99-474, 100 Stat. 1213 (1986).

ta' Novembru 2012, intitolat : **Exceeding Authorized Access in the Workplace: Prosecuting Disloyal Conduct Under the Computer Fraud and Abuse Act,** il-Professuri Stephanie M. Greene u Christine Neylon O'Brien jargumentaw li

> While this language was largely intended to prohibit both external and internal hacking, both employers and prosecutors have argued, and some courts have agreed, that this language also prohibits conduct such as violating a computer use policy or other employment agreement...
>
> Thus numerous cases involving misappropriation of confidential information have been brought under the CFAA11. In such cases, employers typically allege that an employee has acted "without authorization" or has "exceeded authorized access" by breaching an employment policy or a contract that includes a confidentiality or noncompete agreement. Increasingly, the Department of Justice has also sought to use the CFAA to prosecute crimes involving employees who violate employment policies or agreements. The CFAA not only has the advantage of conferring federal jurisdiction, but the statute's minimal requirements may make it easier for an employer or the government to make its case. As the number of such cases has grown, the courts have struggled to determine the extent to which the CFAA is an appropriate vehicle for holding disloyal employees accountable in both civil and criminal contexts.
>
> In 2012, the Court of Appeals for the Ninth Circuit issued an en banc decision emphasizing that the CFAA is "an anti-hacking statute" and not "an expansive misappropriation statute." In United States v. Nosal (Nosal IV), the Ninth Circuit held that an employee who misappropriates an employer's confidential information does not "exceed authorized access" within the meaning of the CFAA. The Ninth Circuit was the first of the federal circuit courts of appeal to interpret the CFAA so narrowly. The Court of Appeals for the Fourth Circuit has since agreed with the Ninth Circuit's "narrow and literal" interpretation of the Act.
>
> Other circuit courts of appeal, however, have read the statute more broadly, finding employees guilty or liable under the CFAA for either breach of a confidentiality agreement, an employment policy, or a duty of loyalty, reasoning that such transgressions satisfy the requirement of acting "without authorization" or "exceeding authorized access."

83. Każ riċenti deċiż mil-Qorti Suprema Amerikana huwa **Van Buren vs. United States**.[14] Dan il-każ beda minn "sting operation" kondotta mill-FBI fuq Van Buren. Van Buren kien uffiċjal tal-Pulizija fl-Istat ta' Georgia u kien ġie avviċinat minn terza persuna sabiex jottjenilha informazzjoni mill-Georgia Crime Information Center

[14] https://www.supremecourt.gov/opinions/20pdf/19-783_k53l.pdf.

database. Van Buren kien awtorizzat li jaċċedi għal din id-database għal għanijiet ta' infurzar tal-Liġi (law enforcement purposes). Van Buren daħal f'din id-database u ipprovda l-informazzjoni rikjesta minn din it-terza persuna. Imbagħad ġie arrestat mill-FBI fuq il-bażi li huwa kiser id-disposizzjonijiet tas-CFAA u reati oħra.

84. F'dan il-każ Van Buren kellu aċċess awtorizzat għal din id-database, iżda ġie meqjus li huwa eċċeda l-limiti ta' din l-awtorizzazzjoni meta huwa aċċeda din id-database biex jipprovdi informazzjoni lil dik it-terza persuna li kienet informant tal-FBI – u dan peress li dan l-aċċess u għoti ta' din l-informazzjoni ma kienx jinkwadra fl-iskop ta' law enforcement purposes li huwa kellu. L-Eleventh Circuit ikkonfermat is-sejbien ta' ħtija ta' Van Buren fuq il-ksur tas-CFAA wara li ċaħdet l-argument li huwa ma kienx ħati ta' computer fraud minħabba li huwa kien aċċeda biss għal database li kien awtorizzat li jaċċessa għaliha fl-ewwel lok.

85. Il-kliem tal-Liġi rilevanti Amerikana f'dan il-qasam hija s-segwenti :

> The Act subjects to criminal liability anyone who "intentionally accesses a computer without authorization or exceeds authorized access," and thereby obtains computer information. 18 U. S. C. §1030(a)(2). It defines the term "exceeds authorized access" to mean "to access a computer with authorization and to use such access to obtain or alter information in the computer that the accesser is not entitled so to obtain or alter." §1030(e)(6).[15]

86. Dwar dan il-każ u l-implikazzjonijiet tiegħu ġie miktub artiklu mid-Ditta Legali Crowell and Moring[16] fejn ġie mistqarr is-segwenti:

> On April 20, 2020, the Supreme Court granted cert in Van Buren v. United States, to resolve an important circuit split over the meaning of "authorized access" under the Computer Fraud and Abuse Act (CFAA). This is the Court's first foray into analyzing the precise contours of CFAA liability. Van Buren may have far-reaching implications for any individual or business operating in the digital domain, as the scope of civil and criminal liability under the CFAA can impact just about any sort of relationship involving access to computer systems, whether it be employer-employee relationships or third-party relationships.
>
> The CFAA was enacted in 1986 as a first-of-its-kind statute designed to combat computer-related crimes, and has become an important and

[15] idem
[16] https://www.crowell.com/NewsEvents/AlertsNewsletters/all/Authorized-Access-The-Supreme-Courts-First-Foray-Into-The-Computer-Fraud-And-Abuse-Act.

powerful tool for not only for the government but any business seeking to protect its intellectual property and computer systems. The CFAA imposes criminal liability on any person who "intentionally accesses a computer without authorization" or "exceeds authorized access" and, in doing so, obtains information from any protected computer. The CFAA also provides a civil cause of action for similar conduct. See 18 U.S.C. §§ 1030(a)(2), 1030(a)(4), 1030(a)(5)(B)-(C).

The term "without authorization" is undefined, but the CFAA defines "exceeds authorized access" as "access[ing] a computer with authorization and [using] such access to obtain or alter information in the computer that the accessor is not entitled to obtain or alter." 18 U.S.C. § 1030(e)(6). As can be expected, there has been extensive litigation over the interpretation of "without authorization" and "exceeds authorized access." This has led to a circuit split on what type of conduct actually constitutes a CFAA violation. In particular, courts have grappled with whether the language of the CFAA places the focus on how the individual accessed the information, rather than how or under what circumstances the individual used the information.

For example, the First, Fifth, Seventh, and Eleventh Circuits broadly interpret "exceeding authorized access" to include using information on a computer in violation of a confidentiality agreement, or accessing information on a computer for a purpose prohibited by an employer. Specifically, the Eleventh Circuit has held that a defendant "exceeded his authorized access" under the CFAA by improperly using information that he was authorized to access. U.S. v. Rodriguez, 628 F.3d 1258 (11th Cir. 2010). In Rodriguez, a former employee of the Social Security Administration accessed the personal records of 17 different individuals for nonbusiness reasons while employed by the SSA. Id. There is no dispute that he was authorized to access those personal records. Id. However, the Eleventh Circuit held that the defendant "exceeded his authorized access and violated the [CFAA] when he obtained personal information for a nonbusiness reason" in violation of an established SSA policy. Id; see also Int'l Airport Ctrs., LLC v. Citrin, 440 F.3d 418 (7th Cir. 2006) (holding that when an employee of a real estate business deleted data regarding potential acquisition properties from his company laptop, the destruction of information breached the defendant's duty of loyalty and therefore terminated the employee's authorization to access the computer).

In contrast, the Second, Fourth, and Ninth Circuits have adopted a narrower interpretation of "exceeding authorized access": liability cannot be imposed on a person with permission to access information on a computer who then uses that information for an improper purpose. In the seminal case U.S. v. Nosal, the Ninth Circuit held that subsequent improper use of information that was acquired by individuals with authorization to access such information is not a CFAA violation. 676 F.3d 854 (9th Cir. 2012). In Nosal, an ex-employee was charged with violating the CFAA on a theory that he induced former colleagues to use legitimate credentials—i.e., authorized credentials—to access the company's infrastructure and provide the former employee with information. Id. While the ex-employees' use of the

information was clearly improper, the Ninth Circuit refused to extend the CFAA to this conduct because the accomplices were authorized to access the information, regardless of the subsequent use of that information. See also WEC Carolina Energy Solutions LLC v. Miller, 687 F.3d 199 (4th Cir. 2012) (holding that improper use of information validly accessed did not qualify as “unauthorized access” or “exceeding authorized access” within the meaning of the statute)....

The Eleventh Circuit’s decision recognized that “other courts have rejected Rodriguez’s interpretation of ‘exceeds authorized access’” and invited the Supreme Court to resolve this split. The Supreme Court’s decision will reverberate in the digital domain, in both the context of criminal enforcement of the CFAA and civil liability under that statute. If the Supreme Court adopts the narrower view, then businesses seeking to curb unauthorized use of information by employees and others will have a narrower set of legal tools and must rely on theories apart from the access itself. For example, the federal Defend Trade Secrets Act (DTSA) and state trade secret, tort, trespass and contract law will take on more significance in holding individuals liable for access to and use of the information. If the broader view prevails, then more expansive theories of CFAA enforcement and liability will be available.

87. Fit-3 ta’ Ġunju 2021, is-Supreme Court Amerikana iddeċidiet bil-mod segwenti:

In sum, an individual “exceeds authorized access” when he accesses a computer with authorization but then obtains information located in particular areas of the computer— such as files, folders, or databases— that are off limits to him. The parties agree that Van Buren accessed the law enforcement database system with authorization. The only question is whether Van Buren could use the system to retrieve license-plate information. Both sides agree that he could. Van Buren accordingly did not “excee[d] authorized access” to the database, as the CFAA defines that phrase, even though he obtained information from the database for an improper purpose. We therefore reverse the contrary judgment of the Eleventh Circuit and remand the case for further proceedings consistent with this opinion.

88. Imbagħad rigward il-kunċett tal-eċċess tal-aċċess awtorizzat, fis-sistema Amerikan jintqal ukoll hekk :

Exceeding Authorized Access Several provisions of the CFAA impose criminal liability on a defendant who, among other things, “exceeds authorized access” when accessing a computer. See 18 U.S.C. §§ 1030(a)(1), (a)(2), & (a)(4). The CFAA defines “exceeds authorized access” as “to access a computer with authorization and to use such access to obtain or alter information in the computer that the accesser is not entitled so to obtain or alter.”2 18 U.S.C. § 1030(e)(6). Accordingly, to prove that

someone has "exceeded authorized access," prosecutors should be prepared to present evidence showing (a) how the person's authority to obtain or alter information on the computer was limited, rather than absolute, and (b) how the person exceeded those limitations in obtaining or altering information. It is relatively easy to prove that a defendant had only limited authority to access a computer in cases where the defendant's access was limited by restrictions that were memorialized in writing, such as terms of service, a computer access policy, a website notice, or an employment agreement or similar contract. See, e.g., EF Cultural Travel BV v. Zefer Corp., 318 F.3d 58 (1st Cir. 2003) (website notices); Cont'l Group, Inc. v. KW Prop. Mgmt., LLC, 622 F. Supp. 2d 1357, 1372 (S.D. Fla. 2009) (computer access policies); United States v. Drew, 3 259 F.R.D. 449 (C.D. Cal. 2009) (website terms of service); Modis, Inc. v. Bardelli, 531 F. Supp. 2d 314, 319 (D. Conn. 2008) (employment agreement); Hewlett-Packard Co. v. Byd:Sign, Inc., 2007 WL 275476, at *13 (E.D. Tex. 2007) (confidentiality agreement); Am. Online, Inc. v. Nat'l Health Care Discount, Inc., 174 F. Supp. 2d 890, 899 (N.D. Iowa 2001) (email terms of service). In addition, password protection is an implicit (and technological) limit on access for otherwise authorized users who are not given the password. See EF Cultural Travel BV v. Zefer Corp., 318 F.3d 58 (1st Cir. 2003). However, courts have split on the question of whether limits on authorized access can be reasonably inferred from the circumstances in cases where no explicit or implicit restrictions on access existed. Compare EF Cultural Travel BV v. Zefer Corp., 318 F.3d 58 (1st Cir. 2003) (rejecting "reasonable expectations" test for lack of authorization), with United States v. Phillips, 477 F.3d 215, 219 (5th Cir. 2007) ("Courts have . . . typically analyzed the scope of a user's authorization to access a protected computer on the basis of the expected norms of intended use or the nature of the relationship established between the computer owner and the user.").4 The most commonly litigated issue about "exceeding authorized access" in reported opinions is whether a particular defendant exceeded authorized access by accessing the computer for an improper purpose. The cases on this issue are difficult to untangle, but this argument generally arises in one of three contexts: (1) the authorizing party has expressly prohibited the defendant from accessing the computer for the improper purpose; (2) the authorizing party has expressly prohibited the defendant from using the authorizing party's data for the improper purpose but did not condition the defendant's computer access on compliance with this prohibition; and (3) the authorizing party did not expressly prohibit the defendant from using its data for the improper purpose, but the defendant was acting against the authorizing party's interests.

The first category of cases is the least controversial. Because the authorizing party explicitly imposed a purpose-based limitation on the defendant's computer access, a defendant exceeds authorized access when he accesses the computer for an expressly forbidden purpose. *See, e.g.*, *United States v. John*, 597 F.3d 263, 272 (5th Cir. 2010) ("Access to a computer and data that can be obtained from that access may be exceeded if the purposes for which the access has been given are exceeded."); *Cont'l Group, Inc. v. KW Prop. Mgmt., LLC*, 622 F. Supp. 2d

1357, 1372 (S.D. Fla. 2009) (computer access policies stated that computers were provided "for business use" and were "to be used solely for the [authorizing party's] purposes"); *United States v. Salum*, 257 Fed. Appx. 225, 227 (11th Cir. 2007) (officers could access NCIC system only for official business of criminal justice agency); *Register.com, Inc. v. Verio, Inc.*, 126 F. Supp. 2d 238, 242-43, 248 (S.D.N.Y. 2000), *aff'd*, 356 F.3d 393 (2d Cir. 2004) (in order to submit query to website, users must agree not to use responsive data for direct marketing activities); *United States v. Czubinski*, 106 F.3d 1069, 1071 (1st Cir. 1997) ("[IRS] employees may not use any Service computer system for other than official purposes.").
It may be more difficult to prove that a defendant exceeded authorized access in the second category of cases. In these cases, the authorizing party has expressly prohibited the defendant from using the authorizing party's data for certain purposes, but it did not condition the defendant's computer access on compliance with this prohibition. For example, the defendant might have signed a confidentiality agreement in which he agreed not to use the authorizing party's information for personal gain, but the agreement did not specifically prohibit the defendant from accessing the authorizing party's computer for that purpose. In essence, the authorizing party has explicitly limited the defendant's authorization to *use* information that he might find on the computer, but it has not imposed the same purpose-based limitations on the defendant's authorization to *obtain or alter* that information. The CFAA provides that a defendant "exceeds authorized access" when he "obtain[s] or alter[s] information in the computer that [he] is not entitled so to obtain or alter," 18 U.S.C. § 1030(e)(6), but it does not discuss *using* the information in an unauthorized way. Because of this statutory language, several courts have concluded that defendants did not "exceed authorized access" when they were permitted to obtain certain information from the computers, but then used that information for a specifically forbidden purpose. *See, e.g.*, *Brett Senior & Assocs, P.C. v. Fitzgerald*, 2007 WL 2043377, at *4 (E.D. Pa. 2007) (defendant permissibly copied data from computer but then allegedly used data in a way that violated his employment contract); *Int'l Ass'n of Machinists and Aerospace Workers v. Werner-Masuda*, 390 F. Supp. 2d 479, 498-99 (D. Md. 2005) (defendant was authorized to access data on proprietary website but then violated agreement not to use the data for certain purposes). However, at least one circuit has upheld an "exceeding authorized access" claim in this context. *See EF Cultural Travel BV v. Explorica*, 274 F.3d 577, 582-83 (1st Cir. 2001) (defendant exceeded authorized access by disclosing computer data in violation of confidentiality agreement).

The third and final category of "improper purposes" cases is arguably the most controversial. In these cases, the defendant accessed the computer within the limits of his authorization but used the computer for a purpose that was contrary to the implicit interests or intent of the authorizing party. The case law is divided on whether these facts are sufficient to establish that the defendant exceeded authorized access. Some courts have concluded that the improper purpose, without more, establishes that the defendant exceeded authorized access. See, e.g., Motorola, Inc. v. Lemko

Corp., 609 F. Supp. 2d 760, 767 (N.D. Ill. 2009) ("Allegations that an employee e-mailed and downloaded confidential information for an improper purpose are sufficient to state a claim that the employee exceeded her authorization."). These cases typically rely on the reasoning set forth in Citrin, 440 F.3d at 420-21, which is discussed in more detail in the previous subsection.[17] However, a number of recent civil cases have rejected the idea that users can exceed authorized access within the meaning of section 1030(e)(6) when they access information that they are authorized to access, even if their access is motivated by an implicitly improper purpose. *See, e.g., LVRC Holdings LLC v. Brekka*, 581 F.3d 1127, 1135 n.7 (9th Cir. 2009) (stating in dicta that defendant does not "exceed authorized access" under the CFAA when he breaches a duty of loyalty to authorizing party); *Bell Aerospace Services, Inc. v. U.S. Aero Services, Inc.*, 690 F. Supp. 2d 1267 (M.D. Ala. 2010); *Orbit One Communications, Inc. v. Numerex Corp.*, 652 F. Supp. 2d 373 (S.D.N.Y. 2010); *National City Bank v. Republic Mortgage Home Loans*, 2010 WL 959925 (W.D. Wash. 2010); *RedMedPar, Inc. v. Allparts Medical, LLC*, 683 F. Supp. 2d 605 (M.D. Tenn. 2010); *U.S. Bioservices Corp. v. Lugo*, 595 F. Supp. 2d 1189, 1192 (D. Kan. 2009) (collecting cases); *Jet One Group, Inc. v. Halcyon Jet Holdings, Inc.*, 2009 WL 2524864, at *5-6 (E.D.N.Y. 2009); *Brett Senior & Assocs, P.C. v. Fitzgerald*, 2007 WL 2043377, at *4 (E.D. Pa. 2007).

89. Inoltre, l-Professur Amerikan Orin Kerr fl-artikolu "**Cybercrime's Scope: Interpreting "Access" and "Authorization" in Computer Misuse Statutes**" publikat fin-New York University Law Review ta' Novembru 2003[18] jistqarr is-segwenti eżempju, dejjem b'riferenza għal "exceeds authorized access" fis-sistema Amerikan:

*Employee looking to leave: Fred is an employee at a pharmaceutical company who wants to start a competing business. Before Fred quits, he spends a few hours looking through his employer's computer network, and then copies specific files on to diskettes that he takes with him when he leaves.* Fred has accessed his employer's computers, but as an employee he has authorization to do so. Therefore Fred has not violated an unauthorized access statute. Fred still can be prosecuted for any traditional crime he may have committed, of course, such as theft of trade secrets[287] or interstate transportation of stolen property.[288] But the fact that Fred took the information from a computer rather than a file cabinet makes no difference to Fred's criminal liability.

**287** See, e.g., United States v. Martin, 228 F.3d 1 (1st Cir. 2000) (affirming conviction for theft of trade secrets under 18 U.S.C. § 1832(a) of employee who e-mailed his employer's secrets to business competitor).
**288** See, e.g., United States v. Farraj, 142 F. Supp. 2d 484 (S.D.N.Y. 2001) (allowing prosecution for interstate transportation of stolen property in violation of 18 U.S.C. § 2314 for law firm employee who e-mailed part of firm's trial strategy to opposing counsel with offer to sell rest for $2 million).

[17] https://www.justice.gov/sites/default/files/criminal-ccips/legacy/2015/01/14/ccmanual.pdf
[18] Vol78:1596, paġna 1664.

90. Iżda kif intqal aktar il-fuq, il-Liġi Maltija hija redatta b'mod kemxejn differenti minn dik Amerikana u dik Ingliża, minkejja l-ispirazzjoni li din tal-aħħar tat lill-Liġi Maltija. Il-Liġi Maltija teżiġi l-awtorizzazzjoni tal-persuna intitolata – iżda l-enfażi tal-Liġi Maltija mhix daqstant il-kwistjoni tal-aċċess għall-kompjuter per se, daqskemm l-awtorizzazzjoni biex jitwetqu ċerti azzjonijiet imsemmija speċifikament fil-Liġi u li jikkostitwixxu reat kriminali fil-każ li dawn isiru mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-persuna intitolata. Filwaqt li l-Liġi ma tiddefinix jew tiddelimita jew tispeċifika kif tista' tingħata l-awtorizzazzjoni, mill-banda l-oħra tispjega meta persuna titqies li aġixxiet mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa. Imbagħad hemm il-kunċett li, kif is-sentenza **Grima** turi, persuna tista' wkoll teċċedi l-limiti tal-awtorizzazzjoni li tkun ingħatat billi tagħmel użu mhux awtorizzat ta' informazzjoni li jkollha awtorizzazzjoni għall-aċċess għaliha. Aktar minn hekk hemm imbagħad l-effett tal-artikolu 337F(6) tal-Kodiċi Kriminali fuq il-proċedura penali kollha fejn allura l-oneru li tinġieb prova dwar awtorizzazzjoni bħal dik ikun jinkombi fuq il-persuna li tkun qed tallega li għandha dik l-awtorizzazzjoni: Iżda dan l-oneru ma għandux jitqies bħala li jkun tneħħa biss bix-xiehda mhux korroborata tal-persuna akkużata.

91. Il-Liġi Maltija tippenalizza l-azzjoni ta' kull persuna li **<u>mingħajr awtorizzazzjoni</u>** tal-persuna intitolata tagħmel xi wieħed mill-atti msemmija fl-artikolu 337Ċ tal-Kodiċi Kriminali. Biex persuna tkun tenuta passibbli u responsabbli bi ksur ta' din il-Liġi trid tiġi pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li hija **<u>intenzjonalment</u>** wetqet xi wieħed mill-atti imsemmija f'dan l-artikolu 337Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali **<u>mingħajr awtorizzazzjoni tal-persuna intitolata</u>**. Il-Liġi tqis li l-persuna intitolata trid tkun persuna li jkollha l-jedd li hi innifisha tikkontrolla l-attivitajiet u l-atti mfissra fl-artikolu 337Ċ(1)(a) sa (f) tal-Kodiċi Kriminali.

92. Fil-każ li persuna jkollha fil-kustodja tagħha jew taħt il-kontroll tagħha xi data, computer software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li ma tkunx awtorizzata li jkollha, għandha titqies bħala li tkun ħadithom fil-pussess tagħha u dan għall-fini tar-reat imsemmi fl-artikolu 337Ċ(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali – u li f'dan il-każ l-appellanta kienet ukoll mixlija bih.

93. Mill-kumpless tal-provi irriżulta li l-appellanta kienet mogħtija l-awtorizzazzjoni mingħajr limitazzjoni mid-diriġenti tad-ditta legali de quo – li jistgħu jiġu meqjusa bħala l-persuni intitolati - sabiex taċċedi għal-kompjuter tagħha, għall-email address tagħha, għas-

server tad-ditta legali nonche għall-informazzjoni kontenuta f'dak is-server kif ukoll dokumenti oħra stampati li kienu jinsabu fl-uffiċju fejn kienet taħdem. Biss għalkemm il-kwerelanti jikkonċedu li huma kienu taw l-awtorizzazzjoni tagħhom lill-appellanta li taċċedi għas-sistemi informatiċi tal-uffiċju legali tagħhom u għall-informazzjoni hemm kontenuta, wara li l-appellanta kienet ħadet ħafna minn dik l-informazzjoni, huma kienu nnutaw li qatt ma kienu awtorizzawha – la espressament u l-anqas impliċitament – li tieħu dik l-informazzjoni kollha li nstabet għandha.

94. L-appellanti tikkonċedi li hija kellha awtorizzazzjoni wiesa u illimitata li taċċedi għall-email account tax-xogħol tagħha kif ukoll għas-server tad-ditta. Mill-banda l-oħra meta ġiet biex tispjega jekk kellhiex awtorizzazzjoni biex tieħu d-dokumentazzjoni li ħadet tramite t-trasferiment bl-email hija irrikonoxxiet li ma kellhiex tali awtorizzazzjoni. Imbagħad mument minnhom meta kienet qegħda titkellem dwar dak li hija qieset li kien il-formularju li hija ħadet u li anke kienet ħadmet fuqu, tistqarr li hija kienet tqis li impliċitament kienet awtorizzata tieħu din l-informazzjoni.

95. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-każ in kwistjoni huwa wieħed li jinkwadra ruħu fl-azzjoni tal-appellanta li qabżet il-limiti tal-awtorizzazzjoni għall-użu li hija kellha mill-persuni titolari. L-artikolu 337Ċ tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar "mingħajr awtorizzazzjoni" b'mod ġenerali u b'hekk jinkludi fih sitwazzjoni fejn persuna tkun aġixxiet kemm kompletament mingħajr awtorizzazzjoni kif ukoll jekk persuna tkun aġixxiet oltre dak li tkun ġiet awtorizzata tagħmel – ossija meta teċċedi dik l-awtorizzazzjoni. Min jeċċedi l-awtorizzazzjoni konċessa lilu jkun qiegħed jaġixxi mingħajr awtorizzazzjoni. Il-limiti tal-awtorizzazzjoni jistgħu ikunu kemm espressi, kif ukoll, f'ċerti ċirkostanzi, preżunti. Jekk l-appellanta tgħid li hija kellha l-awtorizzazzjoni – anke impliċita – tal-persuna titolari, allura l-artikolu 337F(6) tal-Kodiċi Kriminali imbagħad jitfa' l-oneru tal-prova fuqha li turi dan, almenu sal-grad tal-probabbli. Il-preżunzjoni legali għalhekk fl-artikolu 337Ċ(1) hija li hija aġixxiet mingħajr awtorizzazzjoni, jew, f'dan il-każ, qabżet il-limiti tal-awtorizzazzjoni konċess lilha mill-persuni intitolati ġaladarba dawn xehdu bil-ġurament tagħhom li żgur ma awtorizzawhiex li tkun tista' tagħmel l-atti kollha msemmija fl-artikolu 337Ċ(1)(a)(b)(ċ)(f) tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tal-informazzjoni **kollha** li nstabet fil-pussess tal-appellanta.

96. Fil-Liġi Maltija din l-awtorizzazzjoni mhix ristretta biss għall-mod ta' kif persuna taċċedi għal sistema ta' computer jew sistema informatika oħra. Kif intwera fis-sentenza **Grima** il-Liġi Maltija hija usa minn dik Ingliża u Amerikana mit-test tal-Liġi innifsu testendi wkoll għall-użu li persuna tagħmel bl-informazzjoni li tkun aċċediet għaliha. L-awtorizzazzjoni trid tingħata kemm fir-rigward tal-eżerċizzju tal-aċċess għas-sistemi informatiċi kif ukoll għall-użu li jsir mill-informazzjoni kontenuta fis-sistemi informatiċi tal-persuna titolari una volta li persuna tkun ġiet awtorizzata taċċedi għal dik l-informazzjoni.

97. Illi del resto anke fis-sentenza **Grima**, imsemmija aktar il-fuq, din il-Qorti diversament presjeduta stqarret li huwa n-nuqqas ta' awtorizazzjoni li jemani mill-"persuna intitolata" huwa l-element ewlieni li joħloq ir-reat in kwantu hija l-persuna intitolata li għandha s-setgha u l-jedd tikkontrolla l-attivitajiet li telenka l-ligi fl-artikolu 337Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti taqbel ukoll ma dak misjub f'dik is-sentenza li l-ħsieb tal-Leġislatur kien dak li jissanzjona l-att materjali deskritt fil-Liġi Ingliża bħala "unauthorised use of authorised access". B'hekk tirriżulta l-ħtija meta l-awtur tar-reat jikseb aċċess sabiex jottjeni informazzjoni kunfidenzjali għal użu ħażin jew skopijiet mhux leġittimi :

> Tant hu hekk illi l-legislatur irrenda r-reat aktar gravi meta dan isehh bi vjolazzjoni tal-fiducja li ghandha tezisti bejn l-impjegat u il-principal tant illi l-artikolu 337F(3)(a) jissanzjona b'mod aktar oneruz: "meta r-reat isir f'xi post minn impjegat bi preġudizzju tal-prinċipal tiegħu jew bi preġudizzju ta' terzi, jekk il-pożizzjoni tiegħu ta' impjegat, sew vera sew fittizja, tkun għamlitha faċli għalih li jagħmel ir-reat.

98. Dan fil-fatt jagħqad ma dak li hemm fl-artikolu 337F(6) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li

> l-prosekuzzjoni ma tkunx meħtieġa li ġġib provi biex twaqqa' l-effett ta' xi awtorizzazzjoni meħtieġa taħt dan is-Sub-titolu u **l-oneru li tinġieb prova dwar awtorizzazzjoni bħal dik ikun jinkombi fuq il-persuna li tkun qed tallega li għandha dik l-awtorizzazzjoni: Iżda dan l-oneru ma għandux jitqies bħala li jkun tneħħa biss bix-xiehda mhux korroborata tal-persuna akkużata**.[19]

99. Illi f'dan il-każ, Dr. Anthony Galea, wieħed mill-persuni intitolati, kien lest li jikkonċedi lill-appellanti li, anke wara t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha minn mal-kumpanija DF Marine Consultancy Services, hija tkompli tippossjedi u tuża ċerta

[19] Enfażi miżjuda.

informazzjoni li hija kienet ħadmet fuqha matul l-impjieg tagħha ma DF Marine Consultancy Services Limited. Dan juri preċiżament li Dr. Galea, bħala persuna intitolata, u bħala persuna raġonevoli, kien ben dispost li għalkemm ma jħallix aktar awtorizzazzjoni għall-aċċess għas-sistemi informatiċi tal-kumpanija tiegħu – tant li ftit wara li l-appellanta tterminat l-impjieg tagħha huma blokkjaw l-email address tagħha tax-xogħol - kien lest li jħalli fis-seħħ l-awtorizzazzjoni relattiva għall-pussess u użu ta' ċerta informazzjoni meħuda mill-kotba, records jew sistemi informatiċi tal-kumpanija lill-appellanti – konxju mill-fatt li hija kienet sejra tibqa' teżerċita l-istess professjoni u realistikament tkun allura kompetitriċi għall-kumpanija li magħha kienet taħdem u li minna kienet sejra tinfatam. Dan juri l-awtorizzazzjoni dinamika li kien lest jikkonċedi.

100. Mix-xiehda ta' l-Avukati Farrugia, Deguara u Galea jirriżulta li huma verament kienu kkonċedew awtorizzazzjoni wiesa' lill-appellanti sabiex taċċedi għas-sistemi informatiċi tad-ditta u l-kumpaniji tagħhom nonche għall-informazzjoni kontenuta fihom matul iż-żmien li l-appellanta kienet impjegata magħhom. Iżda minn dak li xehdu jirriżulta ċar li huma ma kienux iqisu dik l-awtorizzazzjoni bħala li kienet testendi anke wara li l-appellanta tterminat l-impjieg tagħha magħhom u żgur mhux fir-rigward ta' dik l-informazzjoni kollha li l-appellanta ħadet mis-sistemi informatiċi tad-ditta tagħhom.

101. Dment u sakemm li l-appellanta kienet qegħda tippresta s-servizzi tagħha mal-kumpanija DF Marine Consultancy Services, huma kienu awtorizzaw lill-appellanta sabiex taċċedi għas-sistemi informatiċi tagħhom u kienu wkoll kuntenti li hija tkun tista' tuża l-computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew tuża, tikkopja jew timmodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk; li tagħmel output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-computer li jkunu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun; li tikkopja kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medjum ta' ħżin li ma jkunx dak li soltu jinżamm fih jew għal mkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn soltu jinżamm; u li tieħu pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew tagħmel użu minnhom u b'riferenza għal dak li kien meħtieġ minnha biex twettaq l-impjieg tagħha mad-ditta tagħhom.

102. Illi mill-banda l-oħra, anke mingħajr ix-xiehda tal-Avukati Galea, Deguara u Farrugia, jibqa' l-fatt li f'każ bħal dan, fejn ir-rabta bejn il-persuni intitolati u l-persuna awtorizzata kienet waħda lavorattiva, din l-awtorizzazzjoni kellha wkoll, fl-assenza ta' limitazzjonijiet espressi miftehma bejn il-partijiet titqies, almenu impliċitament li kienet bażata fuq ir-rapport lavorattiv u ta' fiduċja li kellu jkun hemm bejniethom; daqskemm kienet meħtieġa sabiex l-appellanti professjonista setgħet tista' twettaq l-inkarigu tagħha u tirrendi s-servizzi li hija kienet mistennija li tipprovdi għall-benefiċċju tal-kumpanija li magħha kienet impjegata. Altrimenti ma kienx ikun hemm raġuni oħra għaliex il-parte civile taw l-awtorizzazzjoni tagħhom lill-appellanta.

103. Għalhekk trid issir analiżi jekk fid-dawl tal-fatt li l-persuni intitolati stqarrew bil-ġurament tagħhom li l-appellanta qabżet il-limiti tal-awtorizzazzjoni li kienet ingħata, l-appellanta irnexxilhiex tipprova sal-grad tal-probabbli li hija kellha, almenu l-awtorizzazzjoni impliċita li tagħmel dak li rriżulta li għamlet. Din il-Qorti rat li f'dan il-każ, minbarra l-ġurament tal-persuni intitolati, anke l-evidenza ċirkostanzjali turi li l-appellanta qabżet il-limiti tal-awtorizzazzjoni li hija kellha.

104. L-appellanta ma nstabitx li kellha xi dokument l-hemm jew l-hawn li setgħet ħadet magħha mis-server tal-kwerelanti għall-użu ta' formularju tagħha. Għall-kuntrarju, irriżulta li l-appellanti instabet fil-pussess ta' għadd kbir – ossija, enormi – t'informazzjoni marbuta mad-ditta DF Advocates u l-kumpaniji tagħhom li jmorru ben oltre dak li l-appellanta kkonċediet li hija bagħtet mill-kont tax-xogħol tagħha – u li hija setgħet ukoll liberament tħaddem – lejn il-kont gmail tagħha personali; liema informazzjoni ma kinetx biss ristretta għall-isfera professjonali li kienet involuta fiha hi, iżda li kienet testendi ben oltre dak li hija kienet impjegata għalih – u f'ċerti aspetti kienet tinkludi wkoll informazzjoni ta' natura kunfidenzjali għad-ditta jew ta' natura personali għal wieħed mid-diriġenti tad-ditta.

105. Biex din l-informazzjoni li kienet tinstab fuq is-server u s-sistemi informatiċi ta' DF Advocates u l-kumpaniji tagħhom spiċċat maħżuna fuq il-Laptop Lenovo li kien fil-pussess tal-appellanta meta hija ġiet imfittxija mill-Pulizija, l-appellanta riedet bilfors tagħmel xi wieħed jew aktar mill-atti imsemmija fl-artikolu 337Ċ(1)(a)(b)(ċ)(f) tal-Kodiċi Kriminali u li ġew kontestati lilha f'dan il-każ.

106. F’dan il-każ irriżulta li l-appellanta mhux biss ħadet, ikkopjat, u żammet dawk id-dokumenti li hija kienet awtorizzata li tieħu magħha jew iżżomm jew li setgħu kienu meħtieġa li żżomm skont Dr. Anthony Galea. Iżda fil-pussess tal-appellanta instabet data u informazzjoni oħra li jew ma kienetx ħadmet fuqha hi jew li saħansitra ma kellhiex x’taqsam magħhom peress li dik l-informazzjoni ma kienetx marbuta mal-kumpanija li kienet taħdem magħha DF Marine Consultancy Services Limited. Instabet informazzjoni li kienet marbuta mal-operazzjonijiet l-oħra tad-ditta DF Advocates u li magħhom l-appellanta ma kellhiex rabta professjonali diretta. Instabet informazzjoni u data li kienet tmur lura snin sħaħ anke qabel mal-appellanta kienet bdiet tipprattika jew taħdem mad-ditta DF Advocates u liema informazzjoni żgur li l-appellanta ma kellha ebda rabta professjonali magħha.

107. Ġaladarba n-natura tar-relazzjoni ta’ bejn l-appellanti u l-persuni intitolati kienet waħda ta’ natura lavorattiva professjonali, anke n-natura ta’ din l-informazzjoni innisifha misjuba għand l-appellanta, timmilita kontra xi forma ta’ awtorizzazzjoni impliċita kif allegat minnha. L-ammont ta’ informazzjoni meħuda minnha, nonche l-kwalita diversa ta’ informazzjoni misjuba għandha – parti kbira minnha mhux relatata max-xogħol li kienet tagħmel mal-kwerelanti u dan f’kuntest fejn l-appellanti kienet ukoll sejra tittermina r-relazzjoni tal-impjieg mal-kumpanija DF Marine Consultancy Services Limited jimmilita kontra t-teżi tad-Difiża. Del resto l-appellanta stess tirrikonoxxi li ma kellhiex l-awtorizzazzjoni li tieħu dik l-informazzjoni mis-sistemi informatiċi tagħhom bil-mod kif għamlet.

108. Għalkemm l-appellanta tistqarr li l-fatt li kellha awtorizzazzjoni espliċita li taċċedi u tuża s-server, kien ifisser ukoll li din kienet xi ħaġa **impliċita** fix-xogħol tagħha li setgħet tieħu l-informazzjoni li ħadmet fuqha u titrasferiha mill-email account tax-xogħol tagħha għall-email account personali tagħha kif tgħid li kienet tagħmel matul dawk is-sentejn li damet taħdem ma DF Marine Consultancy Services Limited, ir-riżultanzi proċesswali juru ben ċar li l-informazzjoni li ħadet kienet tmur ben oltre dan. Skont l-Avukati kwerelanti, l-appellanta ma kellhiex l-awtorizzazzjoni tagħhom sabiex tagħmel l-operazzjoni li tibgħat dawn l-emails mill-email account tax-xogħol tagħha lill-email account tagħha personali u li kienu marbuta max-xogħol li hija kienet tagħmel mal-kumpanija DF Marine Consultancy Services. Iżda f’dak il-każ l-appellanta tilqa’ billi tgħid li dik l-informazzjoni fi kwalunkwe każ kienet awtorizzata li

kemm taċċessa kif ukoll li tħaddem in kwantu kienet tinstab fil-kont email tax-xogħol tagħha u li kellha aċċess għalih xi stess.

109. Iżda għand l-appellanta ma nstabitx dik l-informazzjoni biss. Jekk l-Avukati ma kienux awtorizzawha tieħu l-informazzjoni kollha li kellha maħżuna fl-email account tagħha, aħseb u ara kemm l-appellanta kellha l-awtorizzazzjoni – anke jekk xejn impliċita - li tieħu u tikkopja data u informazzjoni mis-server tad-Ditta DF Advocates u taħżen l-istess fuq mezzi oħra, meta din id-data u informazzjoni imsemmija ma kellha x'taqsam xejn max-xogħol tagħha ma DF Marine Consultancy Services Limited, u li bosta minn din l-informazzjoni kienet kemm kunfidenzjali kif ukoll sensittiva għad-Ditta DF Advocates jew għall-klijenti tagħha jekk mhux ukoll informazzjoni u data personali ta' wieħed mill-Avukati Soċji ta' din id-ditta.

110. Jerġa jingħad li fuq il-computer Lenovo li kien fil-pussess tal-appellanta ma ġewx misjuba biss emails b'dokumenti li tagħmel riferenza għalihom fix-xiehda tagħha bħala li ġew mibgħuta mill-email account tagħha tax-xogħol għall-email account personali tagħha u li ħadmet fuqhom hi, jew li b'xi mod kellha konnessjoni magħhom u li kellha aċċess għalihom. Huwa minnu li ammont kbir minn dawn l-emails li hija tirreferi għalihom kienu jinkludu lilha bħala waħda minn dawk li kienet irċeviethom jew li kienet bagħtithom jew li kienet b'xi mod involuta fix-xogħol li wassal għalihom u relatat magħhom. U kif intqal, minn dak li xehed Dr. Anthony Galea, bosta minnhom probabbilment l-anqas kien ikollu problema li hija żżommhom anke wara li hija telqet mill-impjieg tagħha ma DF Marine Consultancy Services Limited in kwantu hija kienet ħadmet fuqhom ukoll. U b'hekk dal-persuna intitolata kien dispost li jikkonċedi li għal dawk id-dokumenti l-appellanti fil-fatt kellha authorised access kif ukoll authorised use saħansitra anke wara li tkun temmet l-impjieg tagħha.

111. Iżda huwa ċar li dan kien wieħed mill-limiti tal-"authorised use" li kien konċessa lilha. Qabel ma telqet mill-impjieg tagħha ma' DF Marine Consultancy Services Limited ħadd mid-diriġenti ta' DF Advocates jew DF Marine Consultancy Services Limited ma kien awtorizzaha espressament jew impliċitament li tikkopja, żżomm, titrasferixxi, taħżen jew tuża **<u>informazzjoni oħra</u>** anke wara li tkun telqet mill-impjieg tagħha. Del resto l-anqas l-appellanta ma tgħid li kellha tali awtorizzazzjoni għajr ħlief dak li hija qieset li kienet <u>impliċita</u>.

112. Dr. Anthony Galea jgħid ċar u tond li fost dawn l-emails li l-appellanta ħadet - allura mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu u tad-diriġenti l-oħra - kien hemm informazzjoni u dokumenti oħra, inkluż li kienu f'dawn l-emails, u li l-appellanta ma kellhiex rabta magħhom jew ħadmet fuqhom u li pero xorta hi waħda kienet għażlet li titrasferihom fil-gmail account personali tagħha : minkejja li ma kienetx awtorizzata tagħmel dan – fatt rikonoxxut minnha wkoll.

113. Minkejja dan, xorta waħda jibqa' l-fatt li fil-computer Lenovo li kien fil-pussess tal-appellanta instabu eluf kbar ta' files – minjiera ta' data u informazzjoni oħra - li definittivament ma kellhom assolutament xejn x'jaqsmu max-xogħol tagħha ma DF Marine Consultancy Services Limited u li strettament ma kellhomx ikunu f'idejha. Eppure kienet minjiera t'informazzjoni u data li kienet maħżuna fuq il-computer Lenovo użat minnha stess, fl-uffiċini ta' ditta kompetitriċi, u liema informazzjoni ex admissis kienet ittieħdet minnha biex tkun tista' tużaha jekk u meta jkun il-waqt..

114. Fost dan in-numri enormi – deskritti bħala eluf ta' files - ma kienx hemm biss abbozzi ta' kuntratti, rikorsi jew pariri legali, li forsi wieħed kien setgħa jifhem li avukat prattikanti u li kien jaħdem ma ditta jew ma kumpanija li tagħmel xogħol legali setgħa innoċentement kellu interess fihom u li setgħa kien ikun kondonat li jippossjedi; jew, fil-kuntest tal-professjoni partikolari ta' avukat, kien raġonevolment mistenni li l-avukat impjegat jibqa' jippossjedi tali formularju anke wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu; jew li jista' anke jitqies li l-avukati li jħadmu jkunu wkoll ikkonċedew impliċitament l-awtorizzazzjoni tagħhom biex tkun tista' tieħu u żżomm dan il-formularju. Fuq dak il-computer Lenovo, kienet ġiet trasferita u maħżuna kwantita t'informazzjoni estensiva ħafna li la kienet ta' DF Marine Consultancy Services Limited (li magħha l-appellanti kienet impjegata), u l-anqas informazzjoni li setgħet ħadmet fuqha jew kienet involuta fiha in kwantu kjarament tirriżulta li kienet informazzjoni li tappartjeni lill-prattika differenti tad-Ditta DF Advocates. Kien hemm informazzjoni li l-anqas kienet taqa' fl-isfera professjonali tal-impjieg tal-appellanta mad-ditta kwerelanti.

115. Din l-informazzjoni u data kienet tinkludi operazzjonijiet legali sħaħ ta' din id-Ditta DF Advocates, u li kienet tmur lura għal diversi snin – ferm qabel ma l-appellanta kienet daħlet taħdem mal-kumpanija DF Marine Consultancy Services fl-2010 jew bħala trainee fl-2009. Kien hemm informazzjoni dettaljata fuq diversi

klijenti u l-ħtiġijiet legali tagħhom, is-servizzi reżi lilhom nonche t-talbiet għall-ħlas li sarilhom u li żgur li l-appellanta ma kellha ebda involviment jew interess fihom.  Minkejja dan, kienu fuq il-computer tagħha xhur wara li kienet telqet mill-impjieg tagħha ma' DF Marine Consultancy Services Limited.

116. Fost dawn il-files li kienu ġew meħuda mis-sistema informatika tad-Ditta DF Advocates hemm files li jmorru lura għas-snin 2007, 2005, 2003, 2001, eċċetra.  Hemm files li fihom l-ismijiet u dettalji sensittivi ta' klijenti, listi ta' klijenti u kumpaniji, dettalji finanzjarji, pjanijiet strateġiċi ta' kumpaniji u operazzjonijiet kummerċjali varji, kopji ta' dokumenti t'identifikazzjoni jew kopji ta' passaporti ta' diversi klijenti, dokumenti dwar ħlasijiet ta' salarji ta' membri ta' kumpaniji klijenti ta' DF Advocates, jew ta' impjegati oħra.

117. Hemm dokumenti legali dwar kwistjonijiet ċivili u kummerċjali; u okkażjonalment xi kwerela għal xi klijenti li assolutament ma għandhomx x'jaqsmu max-xogħol ta' DF Marine Consultancy Services Limited u li kien il-meritu tal-impjieg tal-appellanta.  Hemm informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' kirjiet ta' fondi jew kwistjonijiet bejn ġirien, jew kwisjonijiet mal-MEPA, jew konvenji ta' xiri ta' proprjetajiet stabbli, jew transazzjonijiet kummerċjali li jinvolvu ristoranti u saħansitra tal-Waterpolo jew clubs sportivi oħra.

118. Wieħed forsi setgħa jagħti l-benefiċċju tad-dubju lill-appellanti u jargumenta li dawk id-dokumenti msemmija aktar il-fuq setgħu kienu ta' natura legali u b'hekk jaqgħu fl-isfera tal-eżerċizzju professjonali tal-appellanta u b'hekk kienu ritenibbli bħala forma ta' formularju fis-sens aktar wiesa' tal-kelma.  Iżda l-biċċa hi l-d-dokumenti misjuba għand l-appellanti wara t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha minn mal-kwerelanti kienu jestendu ben oltre dan.

119. Instab ukoll li l-appellanti kienet ħadet u żammet fil-computer tagħha XL sheets b'informazzjoni kunfidenzjali u sensittiva bankarja tad-Ditta DF jew ta' xi branka minn din id-ditta DF Advocates innifisha!  Hemm ukoll informazzjoni dwar taxxa jew VAT dwar diversi klijenti ta' din id-ditta legali, VAT processing data, operating costs ta' klijenti, XL sheet b'listi ta' klijenti ta' DF Aviation kif ukoll invoicing ta' klijenti ta' DF Advocates li tmur lura sal-2005.

120. Jekk dan ma kienx biżżejjed imbagħad instabet ukoll informazzjoni kunfidenzjali li kellha anke x'taqsam mal-ħajja personali ta' wieħed mill-Avukati soċju tad-ditta legali DF Advocates

– **<u>inkluż ritratti tiegħu personali fuq diversi btajjel</u>**, mużika li kien iħobb jisma', biljetti tal-ajru meta kien siefer eċċetra.

121. Wieħed jifhem li din l-informazzjoni kienet tinsab fis-sistema tal-informatika fi ħdan id-Ditta DF Advocates. Biss anke jekk l-appellanta kellha wkoll l-awtorizzazzjoni li taċċedi għal din l-informazzjoni, kemm jista' raġonevolment u oġġettivament jingħad li l-appellanta pruvat sal-grad tal-probabbli li hija kellha l-awtorizzazzjoni espliċita jew anke impliċita li tieħu, tikkopja, tagħmel output, taħżen u tippossjedi anke din l-informazzjoni mhux relatata ma xogħolha jekk mhux ukoll personali ta' ħaddieħor? Jista' raġonevolment jingħad li l-appellanta setgħet tibqa' anke fil-pussess u użu ta' din l-informazzjoni anke wara li hija kienet tat ir-riżenja tagħha minn mal-kumpanija DF Marine Consultancy Services u wara?

122. Mingħajr l-awtorizzazzjoni espressa tal-persuna intitolata, l-appellanta ma setgħetx tikkopja, jew tuża jew tibqa' tippossjedi din l-informazzjoni u data u żżommha għandha anke wara li kienet spiċċat mill-impjieg tagħha minn ma DF Marine Consultancy Services Limited. Ma jistax raġonevolment jitqies li l-appellanta kellha l-awtorizzazzjoni, anke impliċita, tal-persuna intitolata wkoll li tagħmel output ta' din id-data mill-computer li jkunu qegħdin jinżammu fih billi dawn jittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun; jew raġonevolment jitqies li l-appellanta kellha l-awtorizzazzjoni wkoll li tikkopja din id-data għal medjum ta' ħżin li ma jkunx dak li soltu jinżamm fih jew għal mkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn soltu jinżamm jew li tieħu fil-pussess tagħha din id-data jew tagħmel użu minnha.

123. L-appellanta ma pruvatx, almenu sal-grad tal-probabbli, li hija kellha l-awtorizzazzjoni, almenu anke dik impliċita, li hija tagħmel xi wieħed mill-atti msemmija fl-artikolu 337Ċ(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tal-informazzjoni kollha misjuba għandha, jew li hija baqgħet fil-limiti tal-awtorizzazzjoni li setgħa kellha. L-appellanta marret ferm oltre dawk il-limiti tal-awtorizzazzjoni li oġġettivament hija setgħet titqies li ingħatat oriġinarjament. Dan wieħed jista' jikkonkludih mill-fatt li l-kwantita u l-kwalita tal-informazzjoni li instabet għandha kienet tmur ferm oltre dak li wieħed kien raġonevolment jistenna li jibqa' jsib għand avukat li l-interess tiegħu kien biss dak li jżomm formularju jew parir li jkun ħadem fuqu jew li kien involut fih jew li b'xi mod setgħa kien t'utilita onesta.

124. Il-kwantita enormi t'informazzjoni varja, in parti sensittiva u kunfidenzjali immens u li parti minuskola tagħha ġiet imsemmija aktar il-fuq, u li ġiet meħuda, kopjata, trasferita fuq media oħra u miżmuma minnha mis-sistema informatika tad-ditta DF u l-kumpaniji varji li jifformaw parti minn din il-prattika, ma tistax raġonevolment titqies li kienet debitament awtorizzata.

125. Bid-dovut rispett, il-fatti li taw lok għall-appell **Il-Pulizija vs. Jeanelle Grima** kien ferm ferm differenti minn dan. Għalhekk anke jekk ċerti prinċipji legali u regolaturi li jemerġu minnu huma importanti, wieħed ma jistax juża dak il-każ u jqisu li kien identiku għal dan. Il-fatti f'dan il-każ kienu jmorru ben oltre dak li seħħ fl-appell **Grima**. B'hekk il-konklużjonijiet f'dawn il-każijiet ma jistgħux ikunu identiċi.

126. Illi l-appellanta verament kellha aċċess għas-server iżda dan ma jfissirx awtomitakement li hija kienet awtorizzata ukoll tagħmel l-output ta' dak l-istess materjal mis-server li fih kienu qegħdin jinżammu għall-email address privat tagħha, jew li tikkopja dik l-informazzjoni kollha u taħżinha fuq mezzi oħra. Dan il-każ ma kienx jitratta biss **Book of Values** li setgħa jinstab open source, jew li saħansitra ma kienx tal-kumpanija li kienet timpjega lil **Grima**. F'dan il-każ si tratta ta' eluf ta' files varji li instabu fil-pussess tal-appellanta u li l-persuni intitolati kkonfermaw li ma kienux prestaw il-kunsens tagħhom għall-ikkopjar, użu, output mis-server, ħżin fuq mezzi oħra jew il-pussess ta' dik il-kwantita u kwalita ta' informazzjoni misjuba fil-pussess tal-appellanta fil-kuntest ċirkostanzjali li instabu fihom.

127. Apparti minn hekk l-appellanta tistqarr li hija kienet ħadet dik l-informazzjoni kollha biex jekk ikollha l-bżonn tużaha fil-futur. Ma ġiex pruvat li dik l-informazzjoni misjuba fuq il-computer Lenovo ġiet maqsuma ma terzi persuni. Biss jibqa' l-fatt li ftit żmien wara li hija tterminat l-impjieg tagħha minn ma DF Marine Consultancy Limited, dak il-volum enormi t'informazzjoni li, ex admissis, kienet ittieħdet minnha biex tiġi użata minnha meta jinqala l-bżonn, instabet fuq il-computer Lenovo li kien użat minnha u misjub fl-uffiċju tal-kumpanija kompetitriċi, li tagħha hija kienet soċja u direttriċi.

128. Dil-Qorti għalhekk tikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issibha ħatja tar-reati naxxenti mill-artikolu 337Ċ(1)(a)(b)(ċ)(f) tal-Kodiċi Kriminali.

## Ikkunsidrat

129. Illi l-appellanta tinstab ukoll mixlija bir-reat tal-appropjazzjoni indebita bl-aggravju taħt l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali u dan fl-istess perijodu ta' żmien. Illi d-disposizzjonijiet relevanti jinqraw kif ġej:

> 293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:
>
> Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.
>
> 294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.

130. Għal dak li jirrigwarda l-elementi tar-reat in eżami, ġie ritenut li :

> L-element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni indebita mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan. Fl-approprjazzjoni indebita ma jezisti ebda element ta' frodi fis-sens li fl-approprjazzjoni indebita m'hemmx l-element ta' fiducja li essenzjalment jiffacilita tali reat.[20]

131. In oltre fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Gauci**, ġie kkunsidrat is-segwenti:

> Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib miegħu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti

[20] **Il-Pulizija vs. Joseph Muscat**, Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar it-3 ta' Marzu 1997.

flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsejatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers'.[21]

132. Di piu skond is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppa Cauchi** intqal is-segwenti:

Il-fatt li wiehed jiehu flus minn ghand iehor taparsi biex jislifhom lin-nies, imma fil-fatt izommhom ghalih u ma jroddhomx lil min tahomlu, jammonta ghal approprjazzjoni indebita. Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede. Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali.[22]

133. Finalment fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Mary Bajada** l-Qorti ddikjarat illi :

Id-delitt ta' approprjazzjoni indebita jigi konsumat malli dak li jkun jaghmel atti ta' dominju fuq il-haga bil-volonta' li jezercita dominju fuqha; u dan ikun pruvat meta c-cirkustanzi u l-atti jkunu verament tali li univokament juru l-intenzjoni ta' l-approprjazzjoni, billi fihom infushom m'humiex kompatibili mal-kawza u t-titolu tieghu tad-detenzjoni ta' dik il-haga'.[23]

134. Kwindi huwa evidenti fid-dawl ta’ din il-ġurisprudenza illi huwa meħtieġ li min ikun akkużat li kkometta dan ir-reat irid ikollu l-intenzjoni ċara li jagħmel dan billi minflok jonora l-pattijiet li jkunu ġew miftehmin in buona fede mal-vittma u jonora l-obbligazzjonijiet tiegħu li jrodd lura l-ħaġa li tkun ġiet fdata lilu mill-vittma ai fini tal-osservanza ta’ dak il-ftehim jew biex jagħmel użu speċifikat mill-istess, hu jikkonverti a benefiċċju tiegħu innifsu jew għal ħaddieħor l-oġġett jew il-flus li hu jkun ġie fdat bihom.

---

[21] Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar l-14 ta’ Frar 1997.
[22] Imħallef William Harding, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar il-21 ta’ Novembru 1953.
[23] Imħallef A. J. Montanaro Gauci, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża fl-1 ta’ Marzu 1952.

135. In oltre ġie stabbilit ukoll minn ġurisprudenza oħra li fl-eventwalita' li jkun hemm dewmien għar-restituzzjoni tal-flus jew tal-oġġett fdat dan ma jwassalx neċessarjament għar-reat t' appropjazzjoni indebita dment li tali dewmien ma jkunx ukoll akkumpanjat mill-element formali tal-konverzjoni u tal-utilita' ta' din il-konverzjoni favur min qed jagħmilha jew favur ħaddieħor kontra l-ftehim oriġinarjament pattwit, din ġeneralment tirrisolva ruħha fi kwistjoni ta' natura ċivili.[24] [25]

---

[24] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Herbert Cassar** deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar is-17 ta' Marzu 2012 fejn fost il-kunsiderazzjonijiet magħmula ġie ċitat il-Maino kif ġej:

> l'elemento materiale del delitto in esame consiste nell'appropriarsi la cosa, convertendola in profitto di se o di un terzo." Ikompli jghid "la dupplice formola dell'appropriazione e della conversione, quale fu mantenuta ed espresso nell'articolo 417, chiarisce il concetto dell'appropriazione, specificando che questa si compie colla conversione della cosa altrui a profitto proprio o di terzo." Maino jirriferi ghall-awtur Carrara "la criminosita' incomincia soltanto quando colui inverte la "causa possidendi", e per arbitrio suo sostituisce la "causa dominii" (illegittima, perche contro la volonta' del padrone) alla causa precedente che era legittima perche non dissentita........ Abbiasi dunque come regola assoluta che quando si e' usato della cosa senza invertire la causa del possesso e cioe' se ne e' usato secondo la destinazione per la quale era stata consegnata dal proprietario, mai si avra' appropriazione indebita". Il-gurista Maino jkompli jghid "al trove lo stesso autore( "il Carrara") aveva esposto ed esemplificato codesto concetto, dicendo che l'eccedere, nel modo o nel tempo, lo stesso uso per quale la cosa era stata consegnata costituisce solo un titolo di indemnita' contrattuale ....... F'paragrafu 1953 tat-trattat fuq imsemmi l-Maino jghid "il dolo sara' costituito della volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita'............ il dolo speciale nel reato di appropriazione indebito e' (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, della violazione del contratto, dall'inadempiento della obbligazione.

Ara wkoll fost oħrajn is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Sigfried Borg Cole** deċiża nhar it-23 ta' Diċembru 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano fejn ġie ttrattat l-istess mertu.

[12] Ara wkoll ġurisprudenza Taljana reċenti fuq l-approprjazzjoni ndebita u li jagħti konfort għall-ġurisprudenza nostrana kif ġej:

**Cassazione sentenza n. 37300/2019**

> Il più recente orientamento di questa Corte, condiviso dal Collegio, ritiene che il delitto di appropriazione indebita sia reato istantaneo che si consuma con la prima condotta appropriativa, quando l'agente compie un atto di dominio sulla cosa con la volontà espressa o implicita di tenere questa come propria, con la conseguenza che il momento in cui la persona offesa viene a conoscenza del comportamento illecito è irrilevante ai fini della individuazione della data di consumazione del reato e di inizio della decorrenza del termine di prescrizione.

**Cassazione sentenza n. 24471/2019**

> Il Collegio ritiene di aderire all'orientamento giurisprudenziale che considera sussistente il reato di appropriazione indebita, anche nell'ipotesi di uso indebito della cosa, qualora ricorrano determinate circostanze. Quello che conta è che l'uso indebito del bene, sia avvenuto trascendendo completamente - come nel caso di specie - i limiti del titolo in virtù del quale l'agente deteneva in custodia il bene, di modo che l'atto comporti un impossessamento, sia pure temporaneo, del bene, determinandosi così quell'inversione del possesso che costituisce l'elemento oggettivo della struttura del reato.

**Cassazione sentenza n. 45298/2017**

> L'appropriazione indebita si verifica nel momento in cui il detentore attua la c.d. interversione del possesso che consiste nell'attuare sul bene di proprietà altrui atti di disposizione uti dominus e,

## Ikkunsidrat

136. Din il-Qorti ma għandhiex dubju li l-appellanta kienet ingħatat aċċess kemm għal email account partikolari f'isimha mill-kumpanija DF Marine Consultancy Services Limited / DF Advocates, kif ukoll għas-server tad-ditta nonche għall-informazzjoni kontenuta fis-server, kif ukoll għad-dokumenti stampati li kienu jinsabu fl-uffiċju fejn kienet taħdem. L-anqas għandha dubju li hija setgħet, f'xi mument jew ieħor, aċċediet għal dawn id-diversi dokumenti u li setgħet ukoll użat uħud minnhom matul il-kors tax-xogħol tagħha mal-kumpanija DF Marine Consultancy Services kif, del resto, kien mistenni minnha.

137. Il-każ tal-appellanta huwa wieħed partikolari ħafna in kwantu hija għandha l-professjoni ta' avukat, li bħal, jekk mhux aktar minn diversi professjonijiet oħra, tistrieħ fuq il-fiduċja reċiproka bejnha u bejn l-Avukati l-oħra li taħdem magħhom jew fl-interess tagħhom. Din il-Qorti ma għandhiex dubju li l-kumpanija DF Marine Consultancy Services, in kwantu kienet immexxija minn avukati, kienet ukoll tistrieħ fuq dan l-element ta' fiduċja fir-rapport kuntrattwali tax-xogħol bejn il-kumpanija u l-avukati li jaħdmu magħha.

138. Il-Qorti temmen dak li qalet l-appellanta fis-sens li hija kellha l-aċċess ħieles għall-email account allokat lilha, kif ukoll għas-server u l-informazzjoni kontenuta fih, kif ukoll għad-dokumenti stampati li kienu jinsabu fl-uffiċju fejn taħdem. Din hija prassi komuni

---

quindi, nell'intenzione di convertire il possesso in proprietà ". Tuttavia "la semplice ritenzione del bene, quando origini da una lite civile in cui ognuno dei contendenti fa valere le proprie ragioni nei confronti dell'altro, non costituisce, di per sé, un indice sicuro della volontà di intervertire il possesso e cioè un comportamento uti dominus, potendo, al più, essere qualificato come un mero inadempimento come tale solo civilisticamente sanzionabile.

**Cassazione sentenza n. 24857/2017**

Il denaro può essere oggetto di interversione nel possesso, e conseguente appropriazione indebita solo quando sia consegnato dal legittimo proprietario, ad altri con specifica destinazione di scopo che venga poi violata attraverso l'utilizzo personale da parte dell'agente; solo ove il mandatario violi quindi il vincolo fiduciario che lo lega al mandante e destini le somme a scopi differenti da quelli predeterminati può integrarsi una condotta di appropriazione indebita. Viceversa, ove si sia in presenza della mancata restituzione di somme date o concesse in qualunque forma di prestito, l'inadempimento dell'obbligo non determina l'integrazione della fattispecie delittuosa di cui all'art. 646 c.p.

**Cassazione sentenza n. 15815/2017**

Non integra il delitto di appropriazione indebita, ma un mero inadempimento di natura civilistica, la condotta del promittente venditore che, a seguito della risoluzione del contratto, non restituisca al promissario acquirente l'acconto sul prezzo del bene promesso in vendita.

f'sitwazzjoni tal-eżerċizzju tal-professjoni legali fi ħdan ditta jew kumpanija u din il-Qorti tara li hija ħaġa verosimili immens. Ma jirriżultax li l-appellanta kellha xi restrizzjonijiet partikolari kemm fir-rigward tal-aċċess għall-computer tagħha, email address tagħha, jew għas-server tad-ditta nonche għall-informazzjoni kontenuta fih.

139. Biss dan ir-rapport ta' fiduċja, intrinsekament, iġib miegħu benefiċċju nonche konsegwenzi - b'mod partikolari jekk xi avukat, bl-azzjoni tiegħu, jispiċċa li jxellef jew saħansitra jikser dik il-fiduċja li tkun riposta fih.

140. F'dan il-każ l-aċċess liberu mogħti lill-appellanta għad-dokumentazzjoni stampata, l-email account tax-xogħol u l-informazzjoni kontentuta fis-server tad-ditta jrid ukoll jiġi analizzat f'dan il-kuntest tar-rapport ta' fiduċja li kien imnissel minn natura tal-impjieg tagħha mal-kumpanija DF Marine Consultancy Services. Ir-rabta li kien hemm bejn l-appellanta, DF Marine Consultancy Services Limited u l-avukati prattikanti fid-ditta DF Advocates kienet waħda ta' natura professjonali, aktar milli ta' natura personali. U r-reazzjoni ta' Dr. Anthony Galea u sħabu meta intebħu li l-appellanta kienet bagħtet dawk l-emails u dokumenti mill-email account tax-xogħol tagħha għal dak personali tagħha, trid tinftiehem ukoll f'dan il-kuntest.

141. Illi l-appellanta tisħaq illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-elementi ta' dan ir-reat. L-appellanta ssemmi fost oħrajn li ma tressqitx il-prova tal-obbligu tar-radd tal-ħaġa lura. Huwa ċar mid-diċitura tal-liġi, kif sorrett mill-ġurisprudenza, li dan ir-reat jissussisti wkoll jekk wieħed jagħmel użu differenti minn dak speċifikat mill-oġġett fdat.

142. In oltre fir-rikors tal-appell, l-appellanta tgħid li ma saritx il-prova tal-konverżjoni tal-oġġetti in kwistjoni kif ukoll li huwa nieqes l-element tal-qliegħ.

143. Illi din il-Qorti ħadet qies tan-natura, tal-kwalita u tal-kwantita tad-dokumenti illi l-appellanta kkupjat u/jew ittrasferiet mis-server tad-Ditta DF Advocates għall-email account personali tagħha jew li ħadet u żammet għandha. Evidentement hi kellha relazzjoni ta' fiduċja ma din id-ditta li mpjegawha fis-servizzi ta' avukata. L-appellanta tgħid li trasferiet sensiela ta' dokumenti tul is-snin. Fl-aħħar jiem tal-impjieg tagħha hija ffotokopjat sensiela ta' dokumenti li ġew eżebiti fl-atti u illi ma jidhrux illi huma kollha relatati ma xulxin.

144. Irriżulta li dawn id-dokumenti ttieħdu minn cabinet li kien fl-istess uffiċju fejn kienet taħdem l-appellanta fl-istess kamra fejn kien hemm Dr. Anthony Galea. Skont kif stqarret l-appellanta stess, dawn kienu f'kexxun illi kien jintuża prinċipalment minn Dr. Anthony Galea. Ma nġabitx prova jekk dan il-cabinet kienx ikun imsakkar jew le; jew jekk Dr. Galea kienx qalilha espressament biex ma taċċedix għal dawn id-dokumenti. Kwindi strettament jista' jingħad illi l-appellanta kellha aċċess għal dawn id-dokumenti bħal ma kellha aċċess għal dokumenti oħra fl-istess uffiċju, u b'hekk kienu fdati f'idejha matul il-perjodu li hija kienet damet taħdem hemm. Naturalment dan irid jinqara fil-kwadru tal-fiduċja li kienet tiddomina r-relazzjoni bejna u l-avukati l-oħra.

145. Illi l-Qorti rat il-parti l-kbira tad-dokumenti li ġew ikkupjati, maħruġa u ttrasportati mis-server u maħżuna fuq meżżi oħra mill-appellanta kemm fiż-żmien qabel ma t-terminat l-impjieg tagħha (u kemm wara - b'referenza għar-rapport tal-espert Kurt Mahoney) u rat ukoll id-dokumenti illi nstabu fotokopjati u li kienu fl-uffiċju l-ġdid tal-appellanta matul it-tfittixjiet li saru mill-Pulizija madwar tlett xhur wara li kienet itterminat l-impjieg tagħha minn ma DF Marine Consultancy Services Ltd. Kif intqal diġa, filwaqt li hemm numru minnhom illi jistgħu jitqiesu intiżi bħala kampjun jew formularju, ma jistax jingħad l-istess fuq kull dokument. Fost dawn id-dokumenti, kemm stampati kif ukoll diġitali, wieħed isib informazzjoni illi hija ċarament ta' natura interna u kunfidenzjali. Dawn id-dokumenti ma jistgħux jitqiesu bħala li huma xi formularju; iżda illi jinkludu marketing u business plans, kif ukoll hemm notamenti bil-kitba magħmula minn Dr. Anthony Galea fejn donnu sar brainstorming dwar streteġiji għall-avanz tas-soċjeta' DF kif ukoll lista dettajlata tal-klijenti tas-soċjeta li tinkludi anki l-ħlasijiet illi saru da parti tagħhom u kif u b'liema mod dawn saru.

146. Dan minbarra l-kumplament tal-informazzjoni l-oħra imsemmija aktar il-fuq u li hija ta' natura diġitali. Issa informazzjoni diġitali li tkun kontenuta f'files diġitali maħżuna fuq computer jew server jistgħu ukoll jitqiesu li huma effetti mobbli għall-fini tar-reat tal-approprijazzjoni indebita. Din hija l-posizzjoni fil-Liġi Taljana l-aktar riċenti kif muri mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kassazzjoni, Sez. II, tat-13 t'April 2020 numru 11959 fejn ġie ritenut li t-teħid ta' informazzjoni minn files li jkunu fuq computer ta' kumpanija li tkun timpjega lil persuna li tkun ħadet dik l-informazzjoni minn ġewwa l-istess computer li jkun fdat lilha fil-qadi tax-xogħol

tagħha mal-kumpanija jista' jkun suġġett għar-reat tal-approprjazzjoni indebita. Dik il-Qorti żiedet hekk:

> il file, pur non potendo essere materialmente percepito dal punto di vista sensoriale, possiede una dimensione fisica costituita dalla grandezza dei dati che lo compongono, come dimostrano l'esistenza di unità di misurazione della capacità di un file di contenere dati e la differente grandezza dei supporti fisici in cui i files possono essere conservati e elaborati. L'assunto da cui muove l'orientamento maggioritario, giurisprudenziale e della dottrina, nel ritenere che il dato informatico non possieda i caratteri della fisicità, propri della "cosa mobile" (nella nozione penalistica di quel termine) non è, dunque, condivisibile; al contrario, una più accorta analisi della nozione scientifica del dato informatico conduce a conclusioni del tutto diverse.
>
> va considerata la capacità del file di essere trasferito da un supporto informatico ad un altro, mantenendo le proprie caratteristiche strutturali, così come la possibilità che lo stesso dato viaggi attraverso la rete Internet per essere inviato da un sistema o dispositivo ad un altro sistema, a distanze rilevanti, oppure per essere "custodito" in ambienti "virtuali" (corrispondenti a luoghi fisici in cui gli elaboratori conservano e trattano i dati informatici); caratteristiche che confermano il presupposto logico della possibilità del dato informatico di formare oggetto di condotte di sottrazione e appropriazione. In conclusione, pur se difetta il requisito della apprensione materialmente percepibile del file in sé considerato (se non quando esso sia fissato su un supporto digitale che lo contenga), di certo il file rappresenta una cosa mobile, definibile quanto alla sua struttura, alla possibilità di misurarne l'estensione e la capacità di contenere dati, suscettibile di esser trasferito da un luogo ad un altro, anche senza l'intervento di strutture fisiche direttamente apprensibili dall'uomo.

147. Din il-Qorti ma tistax tqis li l-informazzjoni meħuda mill-appellanta tista tikkwalifika biss bħala formularju jew kampjuni jew abozzi ta' kuntratti, rikorsi eċċetra. Lanqas ma din il-Qorti ssib verosimili l-verżjoni tal-appellanta illi hi sempliċiment qabdet mazz dokumenti mingħajr ma rat il-kontenut tagħhom u ffotokopjathom bl-addoċċ u bil-ħeffa mingħajr ma kienet taf x'qed tikkopja u mingħajr ma kienet selettiva. Biss biss Dr. Galea jgħid b'mod ċar li d-dokumenti murija lilu mill-proċess ma kienux dokumenti sħaħ iżda kienu partijiet minn dokumenti oħra.

148. Din il-Qorti tqis li f'dan il-kwadru probatorju, l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal li tikkonkludi li r-reat t'approprijazzjoni indebita ta' informazzjoni, kontenuta fuq karti mitkuba jew stampati kif ukoll kontenuta f'files diġitali ġie integrat f'dan il-każ. Ġie pruvat li l-appellanta kellha awtorizzazzjoni mid-Diriġenti tal-kumpanija sabiex waqt li hija kienet impjegata mal-

kumpanija DF Marine Consultancy Services Limited hija taċċedi għas-sistemi informatiċi u għall-informazzjoni li kellhom maħżuna kemm fis-sistemi informatiċi tagħhom kif ukoll għall-files li kienu stampati u l-informazzjoni li kien hemm fihom. Għalkemm l-Avukat Anthony Galea jgħid li ma jafx kif ċerti dokumenti spiċċaw misjuba fil-pussess tal-appellanta, jibqa' l-fatt li huwa ma kienx irrestrinġa jew eskluda lill-appellanta mill-aċċess għall-cabinet fejn kien hemm il-files u l-anqas kien sakkar dak il-cabinet li fih kienu jiġu maħżuna l-files stampati tal-kumpanija. L-aċċess għal dan il-cabinet kien ukoll miftuh għall-appellanta. Dan huwa konfermat minnha stess.

149. B'hekk dawn il-files kontenenti l-informazzjoni stampata jew diġitali tista' titqies li kienu ġiet fdati f'idejn l-appellanta sabiex isir użu speċifikat ossija dak li kien meħtieġ fil-kuntest lavorattiv u professjonali li kien jorbot lill-appellanta mal-kumpanija DF Marine Consultany Services Limited sabiex hija tkun tista' twettaq id-dmirijiet tagħha ta' Avukat.

150. Biss irriżulta wkoll, kif intwera aktar il-fuq li l-appellanta, għażlet li tieħu din l-informazzjoni magħha anke wara li hija tterminat l-impjieg tagħha minn mal-kumpanija DF Marine Consultancy Services Limited. Hija għamlet dan billi ħadet kopji ta' dawn il-files diġitali jew stampati oħra mill-isfera ta' kontroll tal-kumpanija għall-isfera ta' kontroll tagħha personali. Hija b'hekk ġiet li approprijat ruħha minn din l-informazzjoni kontenuta fil-files stampati jew diġitali – billi ħadet jew żammet kopji stampati u diġitali tal-istess informazzjoni li kienet fdata f'idejha u ħażnithom fuq is-sistemi informatiċi tagħha jew inkella fl-uffiċju l-ġdid tagħha wara li hija tterminat l-impjieg tagħha minn ma' DF Marine Consultancy Limited.

151. Din l-approprijazzjoni saret, fi kliem l-appellanta stess għall-benefiċċju tagħha (u mhux esklus li setgħet tkun disponibbli wkoll għal benefiċċju ta' terzi). Iżda ġie pruvat li almenu ridithom għall-benefiċċju tagħha stess fis-sens li tgħid li ħadet din l-informazzjoni kollha sabiex meta jkun hemm bżonn tagħmel użu minnha. Dato n-natura ta' din l-informazzjoni (lil hinn minn sempliċi formularju legali), l-użu u l-benefiċċju li hija setgħet prinċipalment tottjeni minn tali informazzjoni kienet waħda ta' natura professjonali jew kummerċjali tagħha. U minn dak li rriżulta f'dan il-każ din l-informazzjoni kienet qegħda tiġi aċċeduta u wżata mill-appellanta wkoll wara li hija tterminat l-impjieg tagħha minn ma DF Marine Consultancy Limited.

**Ikkunsidrat**

152. Illi din il-Qorti rat li l-Qorti tal-Maġistrati erogat il-piena tal-multa fl-ammont ta' ħamest elef euro (€5000) flimkien mal-ħlas tal-ispejjeż inkorsi f'dan il-każ. Għalkemm il-piena tal-multa hija korretta fir-rigward tal-kwalita tagħha riferibbilment għar-reati kontestati fl-ewwel erba' imputazzjonijiet, mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tal-piena erogabbli fir-rigward tal-ħames imputazzjoni li ma tippreskrivix il-piena tal-multa. Għalhekk din il-Qorti sejra tvarja l-piena sabiex tkun in konformita mal-kwalita u kwantita preskritti fil-Liġi. Ta' min jgħid li dwar dan il-punt ma jirriżultax li l-Avukat Ġenerali interpona appell.

153. Apparti minn hekk din il-Qorti ħadet ukoll kont ta' dak mistqarr mill-appellanta fix-xiehda tagħha nonche l-fatt li del resto dak li l-Avukati kwerelanti riedu mingħandha qabel xejn kien li hija titlobhom skuża ta' dak li hija kienet għamlet. Il-Qorti ħadet ukoll kont tal-fatt li l-appellanta ikkoperat mal-Pulizija bis-sħiħ.

# Decide

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellanta in parte u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-ħtija ta' Francesca GALEA kif imsemmi fis-sentenza appellata, tibdel l-istess sentenza appellata f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Francesca GALEA għall-piena tal-multa ta' ħamest elef euro (€5000) u minflok tirriduċi l-multa fl-ammont ta' tliet elef euro (€3000).

Altrimenti l-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**